# RAPPORT ANNWALI 2017



Single Resolution Board

Krediti għar-ritratti:
Ritratt tal-qoxra: iStock.com/AzmanJaka; SRB fil-paġni 4, 11, 31, 35 u 51; iStock.com/ultramarine5, paġna 12; iStock.com/Violetastock, paġna 27; iStock.com/instamatics, paġna 29; iStock.com/Peshkova, paġna 38; iStock.com/Peshkova, paġna 38; iStock.com/agrobacter, paġna 41; iStock.com/bjdlzx, paġna 45; iStock.com/Sagadogo, paġna 47; iStock.com/DNY59, paġna 53; iStock.com/anyaberkut, paġna 59.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| print | ISBN 978-92-95211-44-5 | | doi:10.2877/128587 | FP-AA-18-001-EN-C |
| PDF | ISBN 978-92-95211-41-4 | ISSN 2467-3242 | doi:10.2877/612973 | FP-AA-18-001-EN-N |

Aktar informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet (http://europa.eu).

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2018

© Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, 2018

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata diment li jiġi rrikonoxxut is-sors.

*Stampat mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet fil-Lussemburgu*

IL-BORD UNIKU TA' RIŻOLUZZJONI

# RAPPORT ANNWALI 2017

# WERREJ


DAĦLA 4

ABBREVJAZZJONIJIET 7

INTRODUZZJONI 8

SOMMARJU EŻEKUTTIV 10

1. IT-TISĦIĦ TAR-RIŻOLVIBBILTÀ TAL-BANEK TAL-SRB U TA' ISTITUZZJONIJIET INQAS SINIFIKANTI 12

1.1. Pjanijiet ta' riżoluzzjoni għall-banek tal-SRB 12

1.2. Is-sorveljanza tal-SRB għall-ippjanar tar-riżoluzzjoni u d-deċiżjonijiet għal istituzzjonijiet inqas sinifikanti 15

2. QAFAS TA' RIŻOLUZZJONI 17

2.1. Għodod u politiki 17

2.2. Data għall-ippjanar tar-riżoluzzjoni 22

2.3. Analiżi tal-istabbiltà finanzjarja 23

2.4. Kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali, l-istituzzjonijiet Ewropej u l-awtoritajiet mhux tal-UE 24

2.5. Relazzjonijiet internazzjonali 28

2.6. Attività regolatorja/proċess leġiżlattiv tal-fajls rilevanti 30

3. ĠESTJONI TAL-KRIŻIJIET 32

3.1. Deċiżjoni ta' riżoluzzjoni u deċiżjonijiet negattivi 32

3.2. Proġetti sabiex tissaħħaħ il-preparazzjoni għall-kriżijiet 34

4. IL-FOND UNIKU TA' RIŻOLUZZJONI 37

4.1. Kontribuzzjonijiet 37

4.2. Investimenti 39

4.3. Finanzjament 41

5. L-SRB BĦALA ORGANIZZAZZJONI 42

5.1. Teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni 42

5.2. Komunikazzjoni 43

5.3. Il-ġestjoni tar-riżorsi 43

5.3.1. Riżorsi umani 43

5.3.2. Il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja 44

5.3.3. Kontijiet finali tal-2017 46

5.3.4. Akkwisti 48

5.3.5. Faċilitajiet 48

5.4. Governanza 49

5.4.1. Pariri legali interni u litigazzjoni 49

5.4.2. Segretarjat Korporattiv 49

5.4.3. Konformità 50

5.4.4. Awditjar Intern 50

5.4.5. Awditjar Estern 51

5.4.6. Standards ta' kontroll intern 52

6. BORD TAL-APPELLI 53

7. RAPPORT SPEĊJALI 23/2017 MILL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI 54

8. DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI 56

ANNESSI 57

Anness 1: Organigramma 57

Anness 2: Rapport annwali dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti fl-2017 58

Anness 3: Implimentazzjoni tal-Baġit għall-2017 60

Anness 4: Tabella tal-persunal għall-2017 66

Anness 5: L-għadd ta' persunal skont in-nazzjonalità u s-sess 67

Anness 6: Kontijiet Finali tal-2017 69

Anness 7: Proċeduri tal-akkwist imnedija fl-2017 71

Anness 8: Sommarju tal-Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni mill-programm ta' ħidma tal-SRB għall-2017 74

Anness 9: Membri tas-Sessjoni Plenarja 76

Anness 10: Glossarju 77

# DAĦLA



L-2017 kienet sena impenjattiva oħra fil-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB). Aħna komplejna ninkorporaw lilna nfusna bħala awtorità tar-riżoluzzjoni bankarja fl-Ewropa u fuq livell internazzjonali. Filwaqt li kompliet l-ispinta għar-reklutaġġ tagħna u ġew żviluppati politiki u linji gwida interni, is-sena rat ukoll lill-SRB jindirizza l-ewwel każ ta' riżoluzzjoni tiegħu, Banco Popular Español S.A., li kien wieħed mill-gruppi bankarji ewlenin fi Spanja. Dan l-ewwel każ fir-riżoluzzjoni għall-SRB kien prova li l-qafas huwa addattat għall-iskop tiegħu. Aħna rnexxielna nżommu l-funzjonijiet kritiċi tal-bank, nippreservaw l-istabbiltà finanzjarja fi Spanja u lil hinn, filwaqt li fl-istess ħin il-kontribwent kien protett.

Fl-2017, l-SRB, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Awtoritajiet ta' Riżoluzzjoni Nazzjonali ('National Resolution Authorities' - NRAs), iffoka fuq l-identifikazzjoni tal-ostakoli potenzjali għar-riżolvibbiltà u assista lill-banek taħt il-mandat tiegħu fit-tisħiħ tar-riżolvibbiltà tagħhom. L-iżvilupp u l-pubblikazzjoni tal-politika tal-2017 tal-SRB għar-Rekwiżiti Minimi għal fondi proprji u Obbligazzjonijiet Eliġibbli (Minimum Requirements for own funds and Eligible Liabilities - MREL), li hija għodda ewlenija sabiex tiżgura li l-banek ikunu riżolvibbli, kien pass importanti, minħabba li din tipprovdi informazzjoni u ċarezza lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, speċjalment fir-rigward tal-aġġustamenti speċifiċi għall-banek, il-kwantità u l-kwalità tal-MREL u x'jista' jkun mistenni fl-2018 u lil hinn. Fl-2017, għall-ewwel darba, ġew stabbiliti miri vinkolanti tal-MREL fil-livell ikkonsolidat għall-maġġoranza tal-akbar gruppi bankarji fi ħdan il-mandat tal-SRB, filwaqt li ġew ikkomunikati miri informattivi lill-biċċa l-kbira tal-gruppi bankarji l-oħrajn. Is-sena 2018 ser tara lill-SRB jibni fuq din il-ħidma.

Is-sena 2017 rat lill-SRB ikompli jtejjeb it-tħejjija tiegħu għall-kriżi, bit-twettiq ta' eżerċizzji ta' sessjoni ta' prattika u l-ottimizzazzjoni ulterjuri tal-proċessi interni tal-SRB. Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, is-sena 2017 rat ukoll il-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRF) ikompli jikber u jsir operattiv aktar.

Il-kooperazzjoni internazzjonali kompliet tissaħħaħ, pereżempju, bl-iffirmar ta' ftehimiet ta' kooperazzjoni mal-Korporazzjoni Federali tal-Assigurazzjoni tad-Depożiti (FDIC) u mal-Korporazzjoni Kanadiża tal-Assigurazzjoni tad-Depożiti (CDIC).

### Dejjem nistinkaw għall-aħjar

Fi tmiem l-2017, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) ppubblikat Rapport Speċjali, li fih hija eżaminat l-ewwel pjanijiet ta' riżoluzzjoni abbozzati mill-SRB u l-istat ta' tħejjija ġenerali tal-SRB. L-SRB jilqa' din l-evalwazzjoni estensiva tal-ħidma tiegħu u jaċċetta l-biċċa l-kbira tar-rakkomandazzjonijiet tal-QEA. Madankollu, għandu jiġi rrimarkat li r-Rapport Speċjali tal-QEA eżamina s-sitwazzjoni attwali u l-pjanijiet ta' riżoluzzjoni abbozzati mill-SRB fl-2016. Ħafna mis-sejbiet tal-Qorti diġà ġew indirizzati fil-pjanijiet ta' riżoluzzjoni li tħejjew fl-2017 jew inkella ġew inklużi bħala prijoritajiet fil-Programm ta' Ħidma u l-Ippjanar Pluriennali (MAP), li ġie ppubblikat f'Diċembru 2017. Minkejja dan, l-ippjanar tar-riżoluzzjoni huwa proġett mifrux fuq bosta snin u l-SRB ippreżenta pjan direzzjonali ċar dwar kif jistgħu jinkisbu pjanijiet ta' riżoluzzjoni komprensivi għall-gruppi bankarji kollha taħt il-mandat dirett tiegħu sal-2020.

### Inħarsu 'l quddiem

L-MAP jimmarka t-triq 'il quddiem u l-prijoritajiet tal-SRB għall-2018 u lil hinn. Id-determinazzjoni tal-MREL hija proċess b'ħafna stadji; matul l-2018, għandhom jiġu ddeterminati l-miri tal-MREL għall-akbar banek u l-aktar kumplessi fil-livell tal-entitajiet materjali, filwaqt li għandhom jiġu ddeterminati l-miri vinkolanti fil-livell ikkonsolidat għall-banek l-oħrajn kollha. Barra minn hekk, politiki interni ewlenin, bħall-identifikazzjoni ta' funzjonijiet kritiċi jew il-valutazzjoni tal-interess pubbliku, ser jiġu inkorporati fiċ-ċikli tal-ippjanar tar-riżoluzzjoni li jmiss. L-SRB jinsab f'komunikazzjoni kostanti mal-banek taħt il-mandat tiegħu, mhux l-inqas permezz ta' sessjonijiet ta' ħidma ddedikati, kif ukoll mal-industrija b'mod ġenerali, filwaqt li jiżgura li l-industrija hija kompletament konxja tal-ħtieġa li jinbena MREL u li tissaħħaħ ir-riżolvibbiltà. L-ewwel u qabel kollox, hija r-responsabbiltà tal-banek li jagħmlu lilhom infushom riżolvibbli u li jibnu l-MREL meħtieġ. Tabilħaqq, minħabba li jipprevalu kundizzjonijiet ekonomiċi b'saħħithom, il-banek jistgħu u għandhom jidħlu għal din il-ħidma qabel kwalunkwe determinazzjoni mill-SRB.

Fir-rigward tan-negozjati politiċi li għaddejjin dwar il-pakkett għat-tnaqqis tar-riskji, speċjalment ir-rieżami tad-Direttiva dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tal-Banek (BRRD) u r-Regolament dwar l-SRM (SRMR) u l-implimentazzjoni tal-istandard internazzjonali tal-Kapaċità Totali ta' Assorbiment tat-Telf (TLAC) fil-liġi tal-Unjoni Ewropea, aħna nilqgħu l-isforzi riċenti tal-koleġiżlaturi sabiex jilħqu qbil u jinkoraġġixxu progress mgħaġġel fin-negozjati trilogi. Il-Kunsill jidher li huwa tal-istess fehma tagħna li r-rekwiżiti minimi ta' subordinazzjoni għandhom ikunu obbligatorji mhux biss għall-banek globali sistemikament importanti (G-SIB), iżda wkoll għal banek sistemikament rilevanti oħrajn sabiex jiġu evitati effetti ta' preċipizju. Huwa importanti li r-rieżami leġiżlattiv ma jillimitax id-diskrezzjoni tal-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni sabiex ifasslu MREL fuq bażi speċifika għall-banek li jkun jirrifletti l-istrateġija tar-riżoluzzjoni u tar-riskju individwali. Bl-istess mod, ir-regoli riveduti adottati għandhom jevitaw kumplessità bla bżonn. Ladarba d-dispożizzjonijiet il-ġodda jkunu ġew iffinalizzati, dawn jiġu inkorporati fil-proċess ta' ppjanar tar-riżoluzzjoni tal-SRB.

Bħalissa qed jinbena l-SRF u hemm impenn politiku li tiġi stabbilita garanzija ta' kontinġenza għall-SRF. L-SRB, bħala l-benefiċjarju ewlieni, jikkontribwixxi b'mod attiv għan-negozjati li għaddejjin u jittama li jintlaħaq qbil f'waqtu dwar dan il-fajl ta' importanza enormi. Bħala l-aħħar rimedju, hija meħtieġa garanzija ta' kontinġenza kredibbli u operabbli sabiex tintwera l-kapaċità taż-żona tal-Euro li tirriżolvi saħansitra banek kbar u kumplessi.

Suġġett ta' rilevanza għall-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni kollha huwa l-finanzjament, jiġifieri l-likwidità fir-riżoluzzjoni. B'hekk, aħna qegħdin inkomplu naħdmu fuq din il-kwistjoni importanti f'diversi oqsma anki fl-2018. Naturalment, l-ewwel u qabel kollox, il-banek infushom għandhom jippreparaw għal fluss ta' ħruġ tal-likwidità potenzjali u jiżguraw mogħdijiet ta' finanzjament adegwati. Fi kriżi, is-soluzzjonijiet privati kollha jiġu investigati l-ewwel. F'riżoluzzjoni, l-SRF

jista' jkun parti mis-soluzzjoni għall-finanzjament ukoll. Madankollu, l-SRF – anki b'garanzija ta' kontinġenza - probabbilment ma jkunx kbir biżżejjed sabiex jipprovdi finanzjament suffiċjenti fil-każ tar-riżoluzzjoni ta' istituzzjoni kbira u kumplessa. Għalhekk, għandhom jiġu esplorati mezzi alternattivi ta' provvediment ta' likwidità, mhux l-inqas mal-banek ċentrali nazzjonali u mal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE).

Id-diverġenza tal-liġijiet nazzjonali dwar l-insolvenza u l-fatt li l-proċedimenti ta' insolvenza jvarjaw ħafna fl-Ewropa għadhom ostakolu ewlieni lejn Unjoni Bankarja komprensiva. Fis-sistema attwali, il-kontrafattwali tal-prinċipju li l-ebda kreditur ma jmur agħar ("no-creditor-worse off" - NCWO) jista' jipproduċi riżultati differenti f'pajjiżi differenti skont ir-reġim nazzjonali tal-insolvenza. Barra minn hekk, f'każijiet fejn bank ikun qed ifalli jew x'aktarx li jfalli, iżda fejn ma jkun hemm ebda interess pubbliku fir-riżoluzzjoni, l-istralċ sussegwenti skont il-proċeduri ta' insolvenza nazzjonali jista' jkun ta' sfida. Għalhekk, l-SRB iħeġġeġ bil-qawwa lil-leġiżlaturi sabiex jarmonizzaw il-liġijiet nazzjonali dwar l-insolvenza, mhux l-inqas sabiex jinħolqu kundizzjonijiet ekwi.

L-Unjoni Bankarja għadha inkompleta. Bħalissa għadha qed issir diskussjoni dwar Skema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti (EDIS) fil-Parlament u fil-Kunsill. Dan it-tielet komponent tal-Unjoni Bankarja jrid isir realtà, u l-SRB qed jittama li jkun jista' jintlaħaq qbil fil-livell politiku malajr kemm jista' jkun, bil-għan li jsir progress fid-diskussjoni teknika.

Fl-2018, it-titjib ulterjuri tal-kooperazzjoni diġà tajba li teżisti mal-partijiet ikkonċernati nazzjonali, Ewropej u internazzjonali tagħna ser ikun prijorità. F'Mejju, l-SRB u l-BĊE aġġornaw il-Memorandum ta' Qbil (MtQ) tagħhom sabiex ikun jirrifletti l-esperjenza miksuba. Bl-istess mod, il-kooperazzjoni bejn l-SRB u l-NRAs għadha qrib. Billi jibnu fuq il-kompetenzi u l-għarfien tal-Istati Membri fi ħdan it-Timijiet Interni ta' Riżoluzzjoni (IRT), il-kumitati ddedikati għall-iżvilupp ta' politiki interni, flussi ta' xogħol tekniku u, ovvjament, fil-livell tal-Plenarja tal-SRB, jiżguraw li jinstabu l-aħjar soluzzjonijiet possibbli, filwaqt li jikkunsidraw il-prinċipju tal-proporzjonalità.

Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, nixtieq nirringrazzja lill-membri kollha tal-persunal, lill-Membri tal-Bord kollegi tiegħi, kif ukoll lis-sħab tagħna fil-livell nazzjonali, Ewropew u internazzjonali għad-dedikazzjoni u l-kooperazzjoni tagħhom, li appoġġjaw il-ħidma tal-SRB immirata sabiex il-banek isiru riżolvibbli. Matul is-snin li għaddew, irnexxielna nagħmlu ħafna kisbiet, iżda nafu wkoll li għad fadlilna ħafna sfidi quddiemna. B'fedeltà lejn it-titolu "Nibnu r-riżolvibbiltà tal-banek flimkien" tal-konferenza tal-SRB tas-sena li għaddiet, aħna qegħdin inħarsu 'l quddiem għal aktar kooperazzjoni hekk kif inkomplu dan il-vjaġġ b'suċċess fl-2018 u lil hinn.

**Elke König**
President tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni



# ABBREVJAZZJONIJIET

| | |
|---|---|
| **AHWP** | grupp ta' ħidma ad hoc |
| **BRRD** | Direttiva dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tal-Banek |
| **CCP** | kontroparti ċentrali |
| **CCS** | Sistema ta' Ġbir tal-Kontribuzzjonijiet |
| **CoAg** | ftehim ta' kooperazzjoni |
| **CS** | Segretarjat Korporattiv |
| **CoFRA** | ftehim qafas ta' kooperazzjoni |
| **EA** | żona tal-euro |
| **EBA** | Awtorità Bankarja Ewropea |
| **ECON** | Kumitat tal-Parlament Ewropew għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji |
| **EDIS** | Skema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti |
| **FAS** | sistema ta' kontabbiltà finanzjarja |
| **ISF** | infrastruttura tas-suq finanzjarju (eż. CCPs) |
| **FSAP** | Programm ta' Valutazzjoni tas-Settur Finanzjarju |
| **FSB** | Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja |
| **FTWP** | programm ta' ħidma trilaterali ulterjuri |
| **GLRA** | awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp |
| **G-SIB** | bank globali sistemikament importanti |
| **HR** | riżorsi umani |
| **ICS** | standard(s) ta' kontroll intern |
| **ICT** | teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni |
| **FMI** | Fond Monetarju Internazzjonali |
| **IPC** | impenn ta' pagament irrevokabbli |
| **IRT** | tim intern ta' riżoluzzjoni |
| **LAA** | ammont ta' assorbiment tat-telf |
| **JRC** | Ċentru Konġunt tar-Riċerka |
| **LDT** | mudell tad-data dwar l-obbligazzjonijiet |
| **LFA** | ftehim dwar faċilità ta' self |
| **LSI** | istituzzjoni inqas sinifikanti |
| **MAP** | Programm ta' Ħidma Pluriennali |
| **MCC** | imposta fuq il-fiduċja tas-suq |
| **MtQ** | memorandum ta' qbil |
| **MREL** | rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli |
| **SM** | Stat(i) Membru(Membri) |
| **NCA** | awtorità nazzjonali kompetenti |
| **NCWO** | l-ebda kreditur ma jmur agħar |
| **NRA** | awtorità ta' riżoluzzjoni nazzjonali |
| **O-SII** | istituzzjoni sistemikament importanti oħra |
| **RAP** | proċess ta' valutazzjoni tar-riżolvibbiltà |
| **RCA** | ammont ta' rikapitalizzazzjoni |
| **RWA** | ass imwieżen għar-riskju |
| **SI** | istituzzjoni sinifikanti |
| **SME** | intrapriżi żgħar u ta' daqs medju |
| **SRB** | Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni |
| **SRF** | Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni |
| **SRM** | Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni |
| **SRMR** | Regolament dwar il-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni |
| **TFAK** | Task Force dwar Azzjoni Koordinata |
| **TLAC** | kapaċità totali tal-assorbiment tat-telf |
| **WS** | fluss tax-xogħol |

# INTRODUZZJONI

F'konformità mal-Artikolu 50 tar-Regolament dwar il-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRMR), dan id-dokument jippreżenta r-Rapport Annwali 2017 tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB), li jiddeskrivi l-attivitajiet u l-prestazzjoni tal-SRB fl-2017. Il-ħidma li twettqet matul is-sena preċedenti għandha l-għan li tikseb u timplimenta l-viżjoni, il-missjoni u l-mandat tal-SRB.

## (A) IL-VIŻJONI TAL-BORD UNIKU TA' RIŻOLUZZJONI

L-SRB jaħdem bis-sħiħ sabiex isir awtorità ta' riżoluzzjoni fdata u rrispettata b'kapaċità ta' riżoluzzjoni b'saħħitha fil-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRM) u sabiex jaġixxi malajr u b'mod xieraq, konsistenti u proporzjonat fl-istabbiliment u l-infurzar ta' reġim effettiv ta' riżoluzzjoni għall-banek fil-ġuriżdizzjonijiet tal-SRM, sabiex b'hekk jiġu evitati salvataġġi futuri. L-SRB għandu l-għan li jkun ċentru ta' kompetenza fir-riżoluzzjoni tal-banek fl-Unjoni Bankarja u lil hinn.

## (B) IL-MISSJONI TAL-BORD UNIKU TA' RIŻOLUZZJONI

L-SRB huwa l-awtorità ċentrali ta' riżoluzzjoni fi ħdan l-Unjoni Bankarja. Flimkien mal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni nazzjonali (NRAs) tal-Istati Membri (SM) parteċipanti, huwa jifforma l-SRM. L-SRB jaħdem mill-qrib mal-NRAs, mal-Kummissjoni Ewropea (il-Kummissjoni), mal-Bank Ċentrali Ewropew (il-Bank Ċentrali), mal-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) u mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti (NCAs). Il-missjoni tiegħu hija li jiżgura riżoluzzjoni bl-ordni ta' banek inadempjenti b'impatt minimu fuq l-ekonomija reali, is-sistema finanzjarja u l-finanzi pubbliċi tal-iSM parteċipanti u lil hinn. Ir-rwol tal-SRB huwa proattiv: minflok ma jistenna li jinħolqu sitwazzjonijiet ta' riżoluzzjoni, l-SRB jiffoka fuq l-ippjanar tar-riżoluzzjoni u t-titjib tar-riżolvibbiltà, sabiex jiġu evitati l-impatti negattivi potenzjali ta' falliment bankarju fuq l-ekonomija u fuq l-istabbiltà finanzjarja.

## (Ċ) IL-MANDAT TAL-BORD UNIKU TA' RIŻOLUZZJONI

Sabiex itejjeb l-istabbiltà finanzjarja, l-SRB iħejji pjanijiet ta' riżoluzzjoni bħala attività li tħares 'il quddiem. Jekk bank fi ħdan il-mandat tal-SRB jkun qed ifalli jew x'aktarx li jkun ser ifalli u jissodisfa l-kriterji għal riżoluzzjoni, l-SRB iwettaq ir-riżoluzzjoni tiegħu permezz tal-hekk imsejħa skema ta' riżoluzzjoni. L-SRB huwa responsabbli wkoll mill-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRF) iffinanzjat mill-industrija, li ġie stabbilit sabiex jipprovdi finanzjament anċillari biex tiġi żgurata l-applikazzjoni effettiva tal-iskemi ta' riżoluzzjoni f'ċerti ċirkostanzi. Barra minn hekk, l-SRB jissorvelja l-funzjonament konsistenti tal-SRM kollu kemm hu. L-SRB ġie stabbilit mir-Regolament (UE) Nru 806/2014 (ir-Regolament dwar il-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni jew l-SRMR) u fl-1 ta' Jannar 2015 beda jopera bħala aġenzija indipendenti tal-Unjoni Ewropea. Fl-1 ta' Jannar 2016, huwa assuma l-mandat legali sħiħ tiegħu għall-ippjanar tar-riżoluzzjoni u għall-adozzjoni tad-deċiżjonijiet kollha li jirrigwardjaw ir-riżoluzzjoni. Matul il-ħidma tiegħu, l-SRB jibqa' responsabbli lejn il-partijiet ikkonċernati tiegħu.

## (D) RESPONSABBILTÀ

L-SRMR jistabbilixxi qafas sostantiv u robust ta' responsabbiltà għall-attivitajiet tal-SRB fir-rigward tal-Parlament Ewropew (il-Parlament), tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (il-Kunsill) u tal-Kummissjoni.

Wieħed mill-mezzi ewlenin ta' responsabbiltà huwa r-rapport annwali, li, f'konformità mal-SRMR (l-Artikolu 50(1)(g)), għandu jiġi adottat mill-SRB fis-Sessjoni Plenarja tiegħu. Imbagħad, l-SRB għandu jibagħtu lill-Parlament, lill-parlamenti nazzjonali tal-iSM parteċipanti, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (il-Qorti tal-Awdituri).

Il-President għandu jippreżenta r-rapport annwali fil-pubbliku lill-Parlament u lill-Kunsill (l-Artikolu 45(3) tal-SRMR). Il-parlamenti nazzjonali tal-iSM parteċipanti jistgħu jippreżentaw ukoll osservazzjonijiet motivati dwar ir-rapport annwali, li għalihom għandu jwieġeb l-SRB.

Għall-implimentazzjoni tal-SRMR, ir-rappreżentanti taċ-ċittadini Ewropej fil-Parlament iżommu lill-SRB responsabbli permezz ta' seduti pubbliċi regolari u skambji ad hoc ta' fehmiet mal-President waqt il-laqgħat tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji tal-Parlament Ewropew (il-Kumitat ECON). Fuq talba tal-Kunsill, il-President jista' jinstema' wkoll mill-Kunsill.

L-SRB għandu jwieġeb verbalment jew bil-miktub għall-mistoqsijiet li jiġu indirizzati lilu mill-Parlament u mill-Kunsill. Il-parlament nazzjonali ta' SM parteċipant jista' wkoll jistieden lill-President sabiex jipparteċipa fi skambju ta' fehmiet rigward ir-riżoluzzjoni ta' entitajiet fl-iSM rilevanti. F'dan il-kuntest, il-President ipparteċipa f'seduta fil-Parlament Spanjol fil-11 ta' Diċembru 2017, fejn huwa indirizza r-riżoluzzjoni ta' Banco Popular Español S.A.

Fir-rigward tal-Parlament, fl-2017, il-President attenda diversi seduti pubbliċi li saru mill-Kumitat tal-ECON, bl-aħħar waħda minnhom tkun fl-4 ta' Diċembru 2017 u li fiha l-President ippreżenta d-dokument tal-ippjanar pluriennali tal-SRB u l-programm ta' ħidma tal-SRB għall-2018.

Bil-għan li jinforma u jikkomunika mal-pubbliku dwar il-ħidma, il-missjoni u l-mandat tiegħu, l-SRB laħaq b'mod attiv lill-partijiet ikkonċernati u lill-pubbliku ġenerali billi ppubblika informazzjoni speċjali fuq is-sit web tiegħu, bħall-politika tal-SRB għall-2017 dwar ir-rekwiżiti minimi għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli (MREL), u billi mexxa djalogi industrijali u organizza t-tieni konferenza tal-SRB. Il-President u l-membri l-oħrajn tal-bord żaru wkoll pajjiżi individwali sabiex jibnu u jsaħħu l-kooperazzjoni mal-awtoritajiet lokali rilevanti u mal-partijiet ikkonċernati.

# SOMMARJU EŻEKUTTIV

Is-sena 2017 immarkat stadju importanti għall-SRB, billi f'Ġunju 2017, il-każ ta' Banco Popular kien jikkostitwixxi l-ewwel riżoluzzjoni ta' istituzzjoni taħt il-mandat tal-SRB, li kienet perċepita b'mod wiesa' bħala suċċess. L-SRB għamel ukoll progress sinifikanti f'oqsma oħrajn, bil-għan li jwettaq il-mandat tiegħu, billi tejjeb l-ippjanar tar-riżoluzzjoni, kompla joperazzjonalizza l-għodod tar-riżoluzzjoni u l-politiki korrispondenti dwar l-ippjanar tar-riżoluzzjoni, irfina l-politika dwar l-MREL, tejjeb it-tħejjija għall-kriżijiet, kompla joperazzjonalizza l-SRF, saħħaħ il-kooperazzjoni regolatorja u internazzjonali u tejjeb il-proċessi operazzjonali. Għalhekk, l-SRB iffoka l-ħidma tiegħu fuq l-oqsma operazzjonali ewlenin li ġejjin:

(I) it-tisħiħ tar-riżolvibbiltà għall-entitajiet tal-SRB u għal istituzzjonijiet inqas sinifikanti (LSIs);

(II) it-trawwim ta' qafas ta' riżoluzzjoni robust;

(III) it-tħejjija u t-twettiq ta' ġestjoni effettiva tal-kriżijiet;

(IV) l-operazzjonalizzazzjoni tal-SRF;

(V) l-istabbiliment ta' organizzazzjoni effikaċi u effiċjenti.

L-objettivi ewlenin identifikati fil-prijoritajiet ta' ħidma tal-SRB għall-2017 intlaħqu, u l-kisbiet ewlenin tal-SRB kienu dawn li ġejjin:

- Ir-riżoluzzjoni ta' Banco Popular Español S.A. fis-7 ta' Ġunju 2017 kienet tikkostitwixxi l-ewwel deċiżjoni ta' riżoluzzjoni tal-SRB. Wara li ġew issodisfati l-kundizzjonijiet kollha meħtieġa, l-SRB iddeċieda li l-bejgħ tal-ishma lil Santander Group issodisfa l-aħjar, l-objettivi tar-riżoluzzjoni. Din id-deċiżjoni ta' riżoluzzjoni ġiet perċepita b'mod wiesa' bħala suċċess, billi ppreservat il-funzjonijiet kritiċi tal-istituzzjoni, ippreservat l-istabbiltà finanzjarja u evitat l-użu tal-SRF u tal-fondi pubbliċi. Barra minn hekk, sabiex jiġi stabbilit approċċ konsistenti u tiġi żgurata l-aħjar tħejjija possibbli, ittieħdu diversi inizjattivi orizzontali dwar it-tħejjija għall-kriżijiet.

- Fit-twettiq tal-missjoni tiegħu sabiex jiżgura r-riżolvibbiltà għal istituzzjonijiet sinifikanti (SI) u LSIs, l-SRB ħadem mal-NRAs permezz ta' timijiet interni ta' riżoluzzjoni (IRTs) sabiex jiġu abbozzati 106 pjanijiet ta' riżoluzzjoni fl-2017 u kkontribwixxa għal ħames pjanijiet ospitanti abbozzati minn awtoritajiet ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp (GLRAs) oħrajn tal-UE. Barra minn hekk, fir-rigward tal-funzjoni tiegħu ta' sorveljanza tal-LSI, l-SRB ivvaluta 2047 abbozz ta' miżuri u tejjeb il-metodi ta' ħidma tiegħu dwar is-sorveljanza tal-LSI b'kollaborazzjoni mal-NRAs.

- Fl-ippjanar tar-riżoluzzjoni, l-MREL jirrappreżenta waħda mill-għodod ewlenin sabiex tiġi żgurata r-riżolvibbiltà tal-banek. Fl-2017, l-SRB irfina l-politika tiegħu dwar l-MREL billi introduċa għadd ta' aġġustamenti speċifiċi għall-banek rigward kemm il-kwalità kif ukoll il-kwantità tal-MREL. Il-politika tal-2017 dwar l-MREL ġiet ippubblikata wkoll fuq is-sit web tal-SRB fl-20 ta' Diċembru 2017. Fl-2017, għall-ewwel darba, l-SRB stabbilixxa miri vinkolanti tal-MREL f'livell ikkonsolidat għall-maġġoranza tal-akbar gruppi bankarji, filwaqt li ġew ikkomunikati miri informattivi lill-biċċa l-kbira tal-gruppi bankarji l-oħrajn taħt il-mandat tal-SRB, li għalihom jeżisti pjan ta' riżoluzzjoni. Barra minn hekk, kompliet il-ħidma fuq il-manwal tal-ippjanar tar-riżoluzzjoni u ssoktat il-ħidma fuq sett ta' politiki importanti bħall-identifikazzjoni ta' funzjonijiet kritiċi, il-valutazzjoni tal-interess pubbliku jew l-identifikazzjoni tal-impedimenti għar-riżolvibbiltà.

- Fir-rigward tal-kooperazzjoni internazzjonali, l-SRB kompla jikkontribwixxi l-kompetenza tiegħu għal diskussjonijiet regolatorji kemm fil-proċess leġiżlattiv tal-UE kif ukoll f'korpi regolatorji internazzjonali. Barra minn hekk, fl-2017, l-SRB iffirma żewġ CoAgs, mal-Korporazzjoni Federali tal-Assigurazzjoni tad-Depożiti u mal-Korporazzjoni Kanadiża tal-Assigurazzjoni tad-Depożiti.

- Fl-2017, l-SRF ġabar EUR 6.6 biljun ta' kontribuzzjonijiet *ex ante* , kif ikkalkolati mill-SRB. L-ammonti miżmuma fl-SRF bħalissa jilħqu total ta' EUR 17-il biljun. Il-proċessi għall-ġbir tad-data, il-verifika tad-data u l-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet ġew ottimizzati matul l-aħħar sena. L-NRAs huma mistennija li jkomplu jibnu l-SRF billi jittrasferixxu l-kontribuzzjonijiet tal-2018 sat-30 ta' Ġunju 2018.

- Fl-isforzi tiegħu sabiex isir organizzazzjoni effikaċi u effiċjenti, l-SRB tejjeb ħafna proċessi interni, iżda l-aktar importanti intensifika l-isforzi tiegħu fir-reklutaġġ. Bħala tali, il-livell tal-persunal żdied b'55 % meta mqabbel mal-2016 u hija prevista kapaċità sħiħa tal-persunal għall-2018.



Il-Membri tal-Bord tal-SRB fl-2018

# 1. IT-TISĦIĦ TAR-RIŻOLVIBBILTÀ TAL-BANEK TAL-SRB U TA' ISTITUZZJONIJIET INQAS SINIFIKANTI

Bil-għan li jwettaq il-mandat tiegħu sabiex jiżgura r-riżolvibbiltà tal-banek u l-istituzzjonijiet transkonfinali inadempjenti b'impatt minimu fuq l-ekonomija reali u l-finanzi pubbliċi, parti predominanti tal-ħidma tal-SRB tikkonsisti fl-abbozzar ta' pjanijiet ta' riżoluzzjoni għall-banek kollha taħt il-mandat tal-SRB, l-iffissar ta' miri vinkolanti tal-MREL u l-identifikazzjoni u t-tneħħija tal-impedimenti għar-riżolvibbiltà. Bil-għan li jiġu żgurati attivitajiet ta' ppjanar tar-riżoluzzjoni konsistenti fost il-banek kollha fl-Unjoni Bankarja, it-tisħiħ ulterjuri ta' funzjoni ta' superviżjoni effettiva tal-LSI huwa qasam strateġiku ewlieni ieħor. F'dawn l-isforzi kollha, il-kollaborazzjoni mill-qrib mal-NRAs kienet kruċjali.

## 1.1. Pjanijiet ta' riżoluzzjoni għall-banek tal-SRB

Filwaqt li f'Jannar 2017 l-SRB kellu 139 bank, inklużi 130 grupp bankarju, taħt il-mandat tiegħu, fl-1 ta' Jannar 2018, in-numru naqas għal 127 bank u 119-il grupp bankarju. Matul l-2017, kien hemm total ta' 12-il bank u 11-il grupp li ma baqgħux taħt il-mandat tal-SRB minħabba fużjonijiet u akkwiżizzjonijiet (kien hemm erba' każijiet bħal dawn, inkluż wieħed bħala riżultat ta' azzjoni ta' riżoluzzjoni); likwidazzjoni (żewġ każijiet); l-irtirar tal-liċenzja bankarja (każ wieħed) u r-ristrutturar tal-banek li ma kinux għadhom SIs (żewġ każijiet) jew LSIs transkonfinali (żewġ każijiet).






**Figura 1:** Ħarsa ġenerali lejn l-għadd ta' banek taħt il-mandat tal-SRB skont l-Istat Membru *

| | 1 ta' Jannnar 2017 | 31 ta' Diċembru 2017 |
|---|---|---|
| BE | 8 | 8 |
| DE | 24 | 23 |
| EE | 2 | 2 |
| IE | 6 | 6 |
| EL | 4 | 4 |
| ES | 14 | 12 |
| FR | 14 | 12 |
| IT | 15 | 11 |
| CY | 5 | 5 |
| LV | 4 | 4 |
| LT | 3 | 3 |
| LU | 5 | 5 |
| MT | 3 | 3 |
| NL | 7 | 7 |
| AT | 11 | 9 |
| PT | 5 | 5 |
| SI | 3 | 3 |
| SK | 3 | 3 |
| FI | 3 | 2 |
| **TOTAL** | **139** | **127** |




* Din it-tabella turi l-entitajiet sinifikanti ssorveljati f'kull Stat Membru; l-LSIs transkonfinali jingħaddu biss fl-Istati Membri fejn jinsabu l-kwartieri ġenerali tagħhom.

**106** numru ta' pjanijiet + **5** każijiet ospitanti;

**25** grupp b'kulleġġi + **5** gruppi b'kulleġġi ta' riżoluzzjoni Ewropej

**76** IRT

**8** gruppi għall-ġestjoni tal-kriżijiet ippreseduti mill-SRB

### KISBIET EWLENIN FL-2017

### 1. L-GĦADD TA' PJANIJIET TA' RIŻOLUZZJONI

Billi beda mis-36 pjan ta' riżoluzzjoni tranżitorji li kienu jeżistu f'Diċembru 2015, fl-2016, l-SRB ħadem mal-NRAs permezz tal-IRTs sabiex jiġu abbozzati total ta' 92 pjan ta' riżoluzzjoni, li ġew adottati mill-SRB. Matul l-2017, l-għadd ta' pjanijiet abbozzati mill-SRB żdied għal 106 ([1]), minbarra l-kontribut għal ħames pjanijiet ospitanti abbozzati minn GLRAs oħrajn tal-UE, bħall-Bank of England, l-Uffiċċju tad-Dejn Nazzjonali Svediż jew il-Bank Ċentrali tad-Danimarka.

Fir-rigward taċ-ċiklu tal-ippjanar tar-riżoluzzjoni tal-2017, il-pjanijiet ta' riżoluzzjoni għall-maġġoranza tal-gruppi bankarji ġew adottati mill-SRB fis-Sessjonijiet Eżekuttivi Estiżi tiegħu fil-Q4 2017 u fil-Q1 2018. Għall-25 grupp b'kulleġġi ta' riżoluzzjoni ([2]) li għalihom ġie abbozzat pjan ta' riżoluzzjoni, id-deċiżjonijiet dwar il-pjanijiet ta' riżoluzzjoni tal-2017 ser jittieħdu mhux

([1]) Fil-każ ta' diversi punti ta' dħul, jingħadd pjan wieħed għal kull grupp ta' riżoluzzjoni fi ħdan l-Unjoni Bankarja.

([2]) Gruppi b'impronta Ewropea transkonfinali barra l-Unjoni Bankarja.

aktar tard mill-Q2 2018, li jippermetti l-perjodu ta' 4 xhur meħtieġ għall-proċess ta' konsultazzjoni kif previst fid-direttiva dwar l-irkupru u r-riżoluzzjoni tal-banek (BRRD) u fir-regolament delegat dwar il-funzjonament tal-kulleġġi ta' riżoluzzjoni ([3]).

**Tabella 1:** Iċ-ċiklu tal-ippjanar tar-riżoluzzjoni 2015-17

| It-tipi ta' pjanijiet | 2015 | 2016 | 2017 |
|---|---|---|---|
| Pjanijiet ta' riżoluzzjoni abbozzati mill-SRB | 36 | 92 | 106 |
| Pjanijiet ospitanti | 0 | 6 | 5 |

### 2. IL-KONTENUT TAL-PJANIJIET TA' RIŻOLUZZJONI

Lil hinn min-numru, il-profondità tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni żdiedet ukoll wara l-iżvilupp kostanti tal-politiki tal-SRB dwar għadd ta' suġġetti, b'mod partikolari l-politiki tal-SRB dwar funzjonijiet kritiċi, l-MREL ([4]), l-aċċess għal infrastrutturi tas-suq finanzjarju (ISF) u l-kontinwità operattiva. Il-pjanijiet ta' riżoluzzjoni bbenifikaw ulterjorment minn interazzjoni diretta mal-gruppi bankarji dwar varjetà ta' suġġetti speċifiċi għar-riżoluzzjoni. L-SRB qed ikompli jsegwi approċċ modulari skont il-livell ta' prijorità assenjat lill-grupp bankarju inkwistjoni bil-għan li jintlaħaq l-objettiv ġenerali li jiġu abbozzati pjanijiet ta' riżoluzzjoni kompleti għall-gruppi bankarji kollha taħt il-mandat tiegħu sal-2020, ħlief jekk il-bidliet materjali fl-istruttura tal-bank jittardjaw il-proċess tal-ippjanar tar-riżoluzzjoni jew jekk l-ippjanar tar-riżoluzzjoni komprensiv ma jkunx rilevanti ([5]). Il-prijoritizzazzjoni ta' banek aktar riskjużi fl-ippjanar tar-riżoluzzjoni hija konformi ma' u timplimenta r-rakkomandazzjonijiet fir-rapport tal-2017 mill-Qorti tal-Awdituri ([6]).

### 3. DEĊIŻJONIJIET DWAR IR-REKWIŻITI MINIMI GĦAL FONDI PROPRJI U OBBLIGAZZJONIJIET ELIĠIBBLI

L-MREL jirrappreżenta waħda mill-għodod ewlenin tal-SRB sabiex tinkiseb ir-riżolvibbiltà tal-banek taħt il-mandat tiegħu. Dan jirrikjedi analiżi sinifikanti tal-profili ta' riskju u l-istrateġiji ta' riżoluzzjoni speċifiċi tal-banek, kif ukoll skambju ta' informazzjoni u koordinazzjoni ma' bosta partijiet ikkonċernati bħall-NRAs, l-awtoritajiet kompetenti, il-membri tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni jew il-banek. Fi tmiem iċ-ċiklu tal-2017, ġew stabbiliti għall-ewwel darba miri vinkolanti tal-MREL fil-livell ikkonsolidat għall-maġġoranza tal-akbar gruppi bankarji fi ħdan il-mandat tal-SRB, filwaqt li ġew ikkomunikati miri informattivi lill-biċċa l-kbira tal-gruppi bankarji l-oħrajn taħt il-mandat tal-SRB, li għalihom jeżisti pjan ta' riżoluzzjoni.

([3]) Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1075 tat-23 ta' Marzu 2016.

([4]) https://srb.europa.eu/sites/srbsite/files/item_1_-_public_version_mrel_policy_-_annex_i_-_plenary_session.pdf

([5]) Jekk jogħġbok irreferi wkoll għal SRB Multiannual planning and work programme, p. 17.

([6]) Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, Rapport speċjali Nru 23, *Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni: Bdiet il-ħidma dwar kompitu li joffri sfida relatat mal-Unjoni Bankarja, iżda għad hemm ħafna xi jsir*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2017 (https://www.eca.europa.eu/Lists/ECADocuments/SR17_23/SR_SRB-BU_MT.pdf).



## 1.2. Is-sorveljanza tal-SRB għall-ippjanar tar-riżoluzzjoni u d-deċiżjonijiet għal istituzzjonijiet inqas sinifikanti

Filwaqt li l-NRAs huma direttament responsabbli mill-LSIs ([7]), is-sorveljanza tal-SRB għall-ippjanar tar-riżoluzzjoni u d-deċiżjonijiet għal-LSIs tikkontribwixxi għall-funzjonament konsistenti u effettiv tal-SRM. Fl-2017, l-NRAs kienu responsabbli mill-ippjanar tar-riżoluzzjoni għal total ta' 2 821 LSI fl-Unjoni Bankarja ([8]).

### KISBIET EWLENIN FL-2017

### 1. VALUTAZZJONI TAL-ABBOZZ TA' MIŻURI

Bħala parti mir-rwol ta' sorveljanza tiegħu, fl-2017, l-SRB irċieva 2047 abbozz ta' miżuri mill-NRAs (pereżempju, abbozzi ta' pjanijiet ta' riżoluzzjoni, deċiżjonijiet dwar l-applikazzjoni ta' obbligi ssimplifikati, MREL u deċiżjonijiet sabiex entità tiddaħħal f'riżoluzzjoni), li wasslu għal 19-il deċiżjoni tas-Sessjoni Eżekuttiva Estiża tal-SRB ([9]). L-SRB esprima l-fehmiet tiegħu f'konformità mal-Artikolu 31(1)(d) tal-SRMR fi tmien każijiet. Mill-2047 abbozz ta' miżuri nnotifikati, 504 kienu abbozzi ta' pjanijiet ta' riżoluzzjoni (ara t-Tabella 2 għal tqassim skont il-pajjiż). 3.8 % biss minn dawn ipprevedew ir-riżoluzzjoni bħala l-azzjoni ppreferuta. B'kollox, l-abbozzi ta' pjanijiet ta' riżoluzzjoni nnotifikati fl-2017 kienu jikkonċernaw 497 LSI ([10]), jew 17.6 % tal-2 821 LSI li għalihom huwa meħtieġ ippjanar tar-riżoluzzjoni.

### 2. METODI TA' ĦIDMA MTEJBA GĦAS-SORVELJANZA TA' ISTITUZZJONIJIET INQAS SINIFIKANTI FIL-MEKKANIŻMU UNIKU TA' RIŻOLUZZJONI

Fl-2017, l-SRB nieda wkoll proġett sabiex jaħdem mal-NRAs fuq l-applikazzjoni ta' metodoloġiji ta' riżoluzzjoni għal-LSIs, sabiex jiġi żgurat l-allinjament tal-ippjanar tar-riżoluzzjoni għal-LSIs fi ħdan l-SRM. Għal dan il-għan, ġie maqbul pjan ta' ħidma mal-NRAs. Barra minn hekk, fil-qafas tal-funzjoni ta' sorveljanza tal-LSI, l-SRB iżomm sistema ta' twissija bikrija tal-LSI, skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-ftehim qafas ta' kooperazzjoni (CoFra) bejn l-SRB u l-NRAs. L-NRAs għandhom jinformaw lill-SRB dwar l-LSIs li qegħdin jiffaċċjaw sinjali ta' deterjorament finanzjarju, sabiex jippermettu lill-SRB jissorvelja mill-qrib u jipprepara għall-valutazzjoni f'waqtha tal-abbozzi ta' miżuri ta' kriżi possibbli. Fir-rigward tal-valutazzjoni tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni tal-LSI u l-ġestjoni tal-kriżijiet tal-LSI, ġie diskuss approċċ proporzjonat mal-NRAs bil-għan li jiffokaw fuq ir-riżorsi disponibbli skont ir-rilevanza ta' kull każ.

([7]) Ħlief l-LSIs transkonfinali, li huma taħt ir-responsabbiltà diretta tal-SRB.

([8]) In-numri kif innotifikati mill-NRAs.

([9]) F'diversi każijiet, in-notifiki uniċi kienu jikkonċernaw bosta abbozzi ta' pjanijiet ta' riżoluzzjoni.

([10]) F'xi każijiet, matul l-2017, l-SRB irċieva diversi notifiki għall-istess istituzzjoni, minħabba li dawn kienu jirreferu, pereżempju, għal ċikli ta' ppjanar differenti, jew inkella ġew sottomessi diversi abbozzi ta' deċiżjonijiet għall-istess LSI.

**Tabella 2:Tqassim tal-abbozz ta' miżuri ta' riżoluzzjoni nnotifikati fl-2017 (mill-1.1.2017 sal-31.12.2017)**

| SM | L-għadd totali ta' abbozz ta' miżuri nnotifikati | Deċiżjoni li jiġu applikati obbligi ssimplifikati | Pjanijiet ta' riżoluzzjoni | Stabbiliment tal-MREL | Deċiżjoni għat-tqegħid ta' entità f'likwidazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| BE | 0 | | | | |
| DE | 1489 | 1488 | | | 1 |
| EE | 12 | 4 | 4 | 4 | |
| IE | 13 | | 13 | | |
| EL | 0 | | | | |
| ES | 67 | 38 | 29 | | |
| FR | 19 | | 19 | | |
| IT | 1 | | | | 1 |
| CY | 0 | | | | |
| LV | 1 | | 1 | | |
| LT | 0 | | | | |
| LU | 5 | | 5 | | |
| MT | 0 | | | | |
| NL | 1 | | 1 | | |
| AT | 424 | | 424 | | |
| PT | 0 | | | | |
| SI | 0 | | | | |
| SK | 9 | 4 | 5 | | |
| FI | 6 | 1 | 3 | 2 | |
| **Total** | **2047** | **1535** | **504** | **6** | **2** |



# 2. QAFAS TA' RIŻOLUZZJONI

Prijorità ewlenija oħra tal-ħidma tal-SRB hija l-istabbiliment u t-titjib ta' qafas ta' riżoluzzjoni b'saħħtu. F'dan il-kuntest, l-attivitajiet ewlenin iffokaw fuq l-adozzjoni ta' politiki u standards interni għall-ippjanar effettiv tar-riżoluzzjoni u l-ġestjoni tal-kriżijiet, kif ukoll il-kontribut għal ħidma leġiżlattiva u regolatorja f'materji ta' riżoluzzjoni b'kooperazzjoni mill-qrib u skambju ma' atturi ewlenin fil-livell internazzjonali.

## 2.1. Għodod u politiki

Fl-2017, l-SRB żviluppa aktar is-sett ta' għodod u politiki tiegħu sabiex itejjeb l-ippjanar tar-riżoluzzjoni u jiżgura konsistenza orizzontali. Dawn jinkludu gwida, noti tekniċi u mudelli li jikkontribwixxu għall-abbozzar ta' pjanijiet ta' riżoluzzjoni. Is-sett ġdid ta' għodod u politiki ġie inkluż fil-manwal tal-ippjanar tar-riżoluzzjoni, li verżjoni pubblika tiegħu ser tiġi riveduta u aġġornata kif xieraq fl-2018. Din il-ħidma twettqet f'kooperazzjoni mill-qrib mal-NRAs u fil-kuntest tal-ħidma tal-kumitati rilevanti. L-SRB żviluppa aktar il-politika tiegħu dwar l-MREL u l-gwida tiegħu dwar il-kontinwità operazzjonali, billi ffoka fuq l-identifikazzjoni, l-immappjar u l-valutazzjoni tas-servizzi kritiċi, kif ukoll fuq il-ħtieġa għal miżuri preparatorji, inklużi r-rekwiżiti ta' repożitorju, il-prinċipji għal klawżoli kuntrattwali reżistenti għar-riżoluzzjoni, ir-rekwiżiti tal-informazzjoni u l-mudelli ta' kunsinna tas-servizzi.

### KISBIET EWLENIN FL-2017

### 1. MANWAL DWAR L-IPPJANAR TA' RIŻOLUZZJONI

Fl-2017, l-SRB arrikkixxa l-manwal tal-ippjanar tar-riżoluzzjoni tiegħu bi gwida orizzontali ġdida li għandha tintuża fil-fażijiet tal-ippjanar u tal-eżekuzzjoni tal-operazzjonalizzazzjoni tal-għodod ta' riżoluzzjoni, b'mod partikolari l-għodod tar-rikapitalizzazzjoni interna u tal-istituzzjoni tranżitorja. Il-ħidma mwettqa kienet dwar is-suġġett tal-valutazzjoni tal-interess pubbliku u l-identifikazzjoni tal-impedimenti għar-riżolvibbiltà u l-ispeċifiċitajiet marbuta mal-kooperattivi u l-banek tat-tfaddil. Din il-ħidma ser titkompla fl-2018. Il-verżjoni pubblika tal-manwal ([11]) ser tiġi aġġornata fl-2018 wara żviluppi ulterjuri tal-politika. Id-dokument jipprovdi informazzjoni rilevanti dwar l-ippjanar ta' riżoluzzjoni, inkluż dwar kwistjonijiet ta' politika bħal analiżi strateġika tan-negozju, l-istrateġija ta' riżoluzzjoni ppreferuta, il-kontinwità finanzjarja u operattiva fir-riżoluzzjoni, il-pjanijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni, il-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà u l-opinjoni tal-bank.

([11]) Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, Introduction to Resolution Planning, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2016 (disponibbli fuq is-sit web tal-SRB, https://srb.europa.eu/en/node/163).

## 2. POLITIKA DWAR IR-REKWIŻITI MINIMI GĦAL FONDI PROPRJI U OBBLIGAZZJONIJIET ELIĠIBBLI

### (a) Dispożizzjonijiet ġenerali

Fl-2016, l-SRB stabbilixxa miri informattivi sabiex iħejji lill-banek għar-rekwiżiti futuri mistennija tagħhom b'rabta mal-MREL. Fl-2017, l-SRB kompla jirfina l-politika tiegħu dwar l-MREL billi introduċa għadd ta' aġġustamenti speċifiċi għall-banek li indirizzaw kemm il-kwantità kif ukoll il-kwalità tal-MREL. Lil hinn minn dan, l-SRB stabbilixxa rekwiżiti vinkolanti fuq livell ikkonsolidat għall-biċċa l-kbira tal-akbar banek u dawk l-aktar kumplessi u għall-banek b'kulleġġi ta' riżoluzzjoni taħt il-mandat tiegħu. (ara t-taqsima 1.1.3 għal aktar dettalji).

**Figura 2:** Skeda ta' żmien tal-Politika tal-SRB dwar l-MREL għall-2017




### (b) Livell u post fil-mira

B'mod ġenerali, l-approċċ tal-MREL tal-2016 immarka l-punt tat-tluq għall-kalkolu tal-MREL fl-2017. Madankollu, il-politika dwar l-MREL tal-2017 tippermetti li jsiru aġġustamenti speċifiċi għall-banek. Dawn l-aġġustamenti huma fir-rigward tal-assi mwieżna għar-riskju (RWAs) użati bħala bażi fil-kalkoli tal-ammont ta' rikapitalizzazzjoni (RCA), inkluża l-imposta fuq il-fiduċja tas-suq (MCC) (l-Artikolu 2(3) tar-Regolament Delegat dwar l-MREL([12])), u jirreferu għal waħda mit-tliet possibbiltajiet li ġejjin: l-effett tat-tnaqqis tal-karta bilanċjali, l-użu ta' għażliet ta' rkupru jew l-iżvestimenti u l-bejgħ tal-pjan ta' ristrutturar (għad-dettalji, irreferi għall-Kaxxa 1).

([12]) Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1450 tat-23 ta' Mejju 2016



Barra minn hekk, il-politika tal-SRB dwar l-MREL tal-2017 tindirizza l-ispeċifiċitajiet tal-banek li għandhom strateġiji b'aktar minn punt ta' dħul wieħed sabiex jiġi adottat il-prinċipju tar-riżoluzzjoni tal-gruppi ta' riżoluzzjoni differenti separatament u b'hekk jitnaqqsu r-riskji ta' kontaġju. Fi ħdan grupp b'aktar minn punt ta' dħul wieħed, il-miri kkonsolidati tal-MREL huma kkunsidrati fil-livell tal-grupp ta' riżoluzzjoni u huma bbażati fuq ir-rekwiżiti kapitali totali applikabbli ta' riežami superviżorju u proċess tal-evalwazzjoni, l-RWA totali applikabbli tal-grupp ta' riżoluzzjoni, l-aġġustamenti mill-ammont ta' assorbiment tat-telf (LAA) mistenni potenzjali mill-parteċipazzjoni fi gruppi ta' riżoluzzjoni oħrajn u l-aġġustamenti mill-ħtiġijiet ta' RCA relatati ma' skoperturi residwi għal dawk il-gruppi ta' riżoluzzjoni.

### KAXXA 1: L-AĠĠUSTAMENTI POSSIBBLI GĦALL-MIRA TAL-MREL SKONT IL-POLITIKA TAL-SRB DWAR L-MREL GĦALL-2017

**Ammont ta' assorbiment tat-telf ('loss absorption amount' - LAA).** Il-kalibrazzjoni tal-ammont ta' LAA tibqa' — bħal fl-2016 — l-LAA inadempjenti stabbilit fir-Regolament Delegat tal-UE 2016/1450 dwar l-MREL (ir-regolament delegat) mingħajr ma jitqiesu l-aġġustamenti speċifiċi għall-banek.

**Ammont ta' rikapitalizzazzjoni ('recapitalisation amount' - RCA).** L-RCA inadempjenti definit fir-regolament delegat jibqa' l-punt tat-tluq għall-iffissar tal-ammont ta' RCA fl-2017. Madankollu, fuq bażi ta' bank b'bank b'ġustifikazzjonijiet dovuti, l-aġġustamenti fl-ammont ta' RWA li jrid jintuża għall-kalkolu tal-RCA huma possibbli. Dawn l-aġġustamenti jirreferu għal dawn li ġejjin:

(1) **L-effett tat-tnaqqis tal-karta bilanċjali.** Il-falliment ta' grupp bankarju, b'mod partikolari jekk il-kawża tal-falliment kienet dovuta għal telf minn riskju ta' kreditu, jista' jwassal għal karta bilanċjali iżgħar direttament wara r-riżoluzzjoni. L-SRB jillimita t-tnaqqis massimu tal-karta bilanċjali għall-aġġustament tal-RWA sa 10 % tal-assi totali.

(2) **L-użu ta' pjanijiet ta' rkupru.** L-għadd ta' għażliet ta' rkupru li jistgħu jkunu rilevanti għal tnaqqis fl-RWA huwa limitat għal dawk li jistgħu jiġu implimentati malajr fir-riżoluzzjoni, jekk wieħed jassumi li l-bank ma setax jużahom fil-fażi ta' rkupru jew intervent bikri.

(3) **Żvestimenti u bejgħ tal-pjan ta' ristrutturar.** Jekk l-azzjonijiet kif ifformulati fil-pjanijiet ta' ristrutturar ikunu legalment vinkolanti u marbuta mal-ħin, l-SRB għandu l-possibbiltà li jadatta l-RWA kif xieraq.

Minbarra l-aġġustamenti għall-komponent RWA tal-RCA, fl-2017 ma sar ebda aġġustament ulterjuri għall-RCA inadempjenti.

**Imposta fuq il-fiduċja tas-suq ('market confidence charge' - MCC).** Minbarra l-aġġustamenti tal-RWA, li min-naħa tagħhom għandhom impatt fuq l-ammont tal-MCC, fl-2017 ma sar ebda aġġustament ieħor għall-MCC. L-MCC għadha identika għal dik stabbilita fl-2016, f'livell ugwali għas-CBR nieqes 125 punt bażi.

### (ċ) Il-kwalità tal-MREL

L-SRB kompla jsaħħaħ il-politika tiegħu fir-rigward tal-kwalità tal-MREL. Minbarra punt ta' riferiment ta' subordinazzjoni għal banek globali sistemikament importanti (G-SIBs) li ġie introdott fl-2016, l-SRB stabbilixxa punt ta' riferiment minim ta' subordinazzjoni għal istituzzjonijiet sistemikament importanti oħrajn (O-SIIs) sabiex itejjeb ir-riżolvibbiltà u jillimita r-riskju ta' ksur tal-prinċipju tal-ebda kreditur ma jmur agħar (NCWO).

Fir-rigward tal-eliġibbiltà tal-obbligazzjonijiet, sar progress billi ġew speċifikati aktar ir-rekwiżiti għall-obbligazzjonijiet eliġibbli.

#### KAXXA 2: POLITIKA TAL-SRB DWAR IS-SUBORDINAZZJONI

(1) Il-G-SIBs huma mistennija li jissodisfaw livell minimu ta' subordinazzjoni:

**Subordinazzjoni minima tal-G-SIBs =13.5 % RWA + CBR**

(2) Għall-O-SIIs, huwa introdott punt ta' riferiment tas-subordinazzjoni

**Punt ta' riferiment tas-subordinazzjoni tal-O-SIIs =12 % RWA + CBR**

Supplimentazzjoni potenzjali speċifika għall-banek, maħsuba sabiex tindirizza r-riskju tal-NCWO abbażi tal-esklużjonijiet obbligatorji, hija ssorveljata fiċ-ċiklu tal-ippjanar tar-riżoluzzjoni tal-SRB tal-2017. L-SRB ser janalizza l-kwistjonijiet tal-NCWO f'aktar dettall matul l-2018 u l-2019.

#### KAXXA 3: KAŻIJIET SPEĊIFIĊI TA' STRUMENTI ELIĠIBBLI

(1) In-noti strutturati huma esklużi awtomatikament mill-MREL. Madankollu, b'eżenzjoni, in-noti strutturati jistgħu jiġu kkunsidrati fuq bażi ta' każ b'każ bħala eliġibbli jekk (a) ammont partikolari tal-obbligazzjoni li tirriżulta minn dak l-istrument ikun magħruf minn qabel fil-ħin tal-ħruġ u jkun stabbilit u mhux affettwat minn karatteristiċi derivattivi (biss sal-ammont tal-obbligazzjoni li tikkonforma mal-kundizzjoni); u (b) l-istrument ma huwa soġġett għal ebda ftehim ta' netting u l-valwazzjoni tiegħu mhijiex soġġetta għall-Artikolu 49(3) tal-BRRD.

(2) B'mod awtomatiku, id-depożiti mhux ippreferuti u mhux koperti huma esklużi mill-MREL, sakemm ma jkunx hemm evidenza li ma jistgħux jiġu rtirati matul perjodu ta' sena.

(3) L-obbligazzjonijiet miżmuma mill-investituri bl-imnut huma eliġibbli għall-MREL u l-SRB ma jara ebda bażi ġuridika sabiex jeskludi dawn l-obbligazzjonijiet *ex ante* u b'mod uniformi taħt il-qafas legali. Madankollu, proporzjon kbir wisq ta' detenturi bl-imnut ta' strumenti eliġibbli jista' jitqies bħala impediment għar-riżoluzzjoni.

(4) L-obbligazzjonijiet maħruġa skont id-dritt mhux tal-UE huma esklużi awtomatikament, sakemm il-bank ma jkunx jista' juri li l-valwazzjoni negattiva jew ir-rikapitalizzazzjoni interna ta' dawk l-obbligazzjonijiet ser tkun rikonoxxuta mill-qrati f'dak il-pajjiż terz

(5) L-obbligazzjonijiet maħruġa minn entitajiet li jinsabu barra l-UE mhumiex rikonoxxuti bħala eliġibbli għal MREL. L-interessi minoritarji f'sussidjarji huma rikonoxxuti bħala eliġibbli għal MREL sal-punt li jkunu rikonoxxuti fil-fondi proprji tal-kumpanija prinċipali tal-UE, jekk is-sussidjarja barranija tkun parti mill-grupp ta' riżoluzzjoni tal-kumpanija prinċipali tal-UE.



### (d) Il-komunikazzjoni

Fl-2017, l-SRB ħadem mill-qrib mal-industrija. Minbarra l-laqgħat bilaterali u s-sessjonijiet ta' ħidma mal-banek, fil-21 ta' Novembru, l-SRB organizza djalogu ieħor mal-industrija sabiex jispjega l-politika tiegħu dwar l-MREL. Fl-20 ta' Diċembru 2017 ġiet ippubblikata dikjarazzjoni ta' politika dwar l-MREL għall-2017.

### (e) Il-ġejjieni

L-SRB ser ikompli jaħdem fuq l-istess approċċ fis-snin li ġejjin, bil-għan li jistabbilixxi miri vinkolanti tal-MREL fil-livell kkonsolidati u f'dak individwali sal-2020 għall-banek kollha, li jikkomplementaw l-objettiv li jkun hemm pjanijiet ta' riżoluzzjoni kompleti għall-gruppi bankarji kollha taħt il-mandat tiegħu sal-2020. Fl-2018 u lil hinn, id-deċiżjonijiet dwar l-MREL ser jiġu aġġornati regolarment fid-dawl tal-bidliet possibbli fl-istrutturi u l-livelli ta' riskju tal-banek, kif ukoll fid-dawl tal-bidliet possibbli fil-qafas regolatorju u l-irfinar fl-approċċ tal-SRB.

B'mod partikolari, għaċ-ċikli tal-2018 u l-2019, il-banek b'kulleġġi ta' riżoluzzjoni ser ikunu soġġetti għal miri vinkolanti tal-MREL f'livell ikkonsolidat, kif ukoll għad-determinazzjoni ta' miri vinkolanti f'livell individwali f'konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli.

Għal banek mingħajr kulleġġi, fattur distintiv ewlieni tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni għall-banek prijoritarji ser ikun l-inklużjoni ta' mira vinkolanti f'livell ikkonsolidat fiċ-ċiklu tal-2018, filwaqt li banek oħrajn ser ikunu soġġetti għal mira informattiva biss.

**Figura 3:** Il-pjan direzzjonali tal-MREL u l-passi li jmiss



## 2.2. Data għall-ippjanar tar-riżoluzzjoni

Matul il-proċess tal-ippjanar tar-riżoluzzjoni, iżda l-aktar importanti fil-każ ta' kriżi jew riżoluzzjoni, huwa importanti ħafna li l-banek ikunu jistgħu jirrapportaw id-data dwar l-obbligazzjonijiet fuq bażi ad hoc u f'format standardizzat. Sabiex inaqqsu kemm jista' jkun l-iżbalji u jżidu l-effiċjenza, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom ikunu kapaċi jiġbru, jaħżnu, jipproċessaw u janalizzaw id-data li jirċievu b'mod kompletament awtomatizzat. Eżerċizzji ewlenin oħrajn ta' ġbir tad-data għall-ippjanar tar-riżoluzzjoni twettqu permezz tal-mudell tal-funzjonijiet kritiċi u l-mudell tal-ISF.

**KISBIET EWLENIN FL-2017**

**1. MUDELL TAD-DATA DWAR L-OBBLIGAZZJONIJIET**

Fl-2017, f'konformità mal-objettivi tal-programm ta' ħidma tiegħu, l-SRB ipproċeda bl-implimentazzjoni ta' sistema awtomatizzata ta' ġbir tad-data sabiex jirċievi u janalizza d-data dwar l-obbligazzjonijiet mill-gruppi bankarji ewlenin kollha taħt il-mandat tal-SRB. Fil-każ tal-ġbir tal-mudell tad-data dwar l-obbligazzjonijiet (LDT), id-data li nġabret intużat għall-iżvilupp ta' pjanijiet ta' riżoluzzjoni, b'mod partikolari għall-valutazzjoni tal-kapaċità tal-assorbiment tat-telf tal-banek, kif ukoll għall-analiżi tad-data minn perspettiva ta' politika orizzontali. Karatteristika essenzjali tal-ġabra tal-2017 kienet l-użu ta' XBRL ([13]), standard ta' rapportar li diġà ntuża minn awtoritajiet bħall-EBA sabiex jissimplifikaw ir-rapportar taħt il-Qafas ta' Rapportar Komuni (COREP) u l-Qafas tar-Rapportar Finanzjarju (Finrep). Il-kooperazzjoni mill-qrib u l-komunikazzjoni mal-banek u l-NRAs kienu fundamentali għall-implimentazzjoni b'suċċess ta' dawn il-bidliet.

Minbarra r-rapportar fuq bażi individwali, (sotto)konsolidata u ta' grupp ta' riżoluzzjoni, xi banek kellhom bżonn jipprovdu data granulari f'livell individwali fl-hekk imsejjaħ ambitu individwali ta' punt ta' dħul. Madankollu, b'mod l-aktar partikolari, il-banek intalbu jipprovdu s-sett sħiħ ta' informazzjoni granulari (fil-livell ta' kuntratt) f'konformità mal-gwida dwar l-LDT, kuntrarjament għar-rapportar fuq bażi tal-aħjar sforz fl-2016. Il-ħtieġa ta' data granulari dwar l-obbligazzjonijiet mhijiex limitata għall-applikazzjoni potenzjali tal-għodda tar-rikapitalizzazzjoni interna, iżda hija importanti wkoll sabiex tippermetti s-separazzjoni tal-obbligazzjonijiet relatati mal-funzjonijiet kritiċi fejn l-istrateġija ta' riżoluzzjoni ppreferuta hija bbażata fuq l-għodod għall-bejgħ ta' negozji jew banek tranżitorji. Dan l-istandard ġdid ser jippermetti strutturar, kontroll tal-kwalità, kondiviżjoni u analiżi mtejba tad-data miġbura u ser ikun għodda addattata għall-adattament għall-ħtiġijiet dejjem jevolvu tal-ġbir tad-data tal-SRB.

Ladarba ċ-ċiklu tal-ġbir u l-analiżi tlesta, l-NRAs ġew sollekitati sabiex jagħtu r-rispons tagħhom dwar l-esperjenza tal-2017, kif ukoll sabiex isibu modi kif itejbu l-proċess tal-ġbir 'il quddiem. Abbażi ta' dan il-feedback u l-esperjenza tiegħu stess, l-SRB diġà beda jadotta bidliet fil-proċess tal-ġbir għall-2018, li żamm il-bidliet għal minimu strett u kien ikkomunikat lill-banek u lill-NRAs minn qabel sewwa sabiex tkun tista' ssir tħejjija f'waqtha.

**2. MUDELL TAL-FUNZJONIJIET KRITIĊI**

L-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni jeħtieġu informazzjoni aġġornata dwar jekk l-istituzzjonijiet humiex qed jipprovdu funzjonijiet kritiċi. Meta l-funzjonijiet bankarji pprovduti lil partijiet terzi jkunu kritiċi, il-waqfien f'daqqa tagħhom ikollu impatt materjali fuq l-istabbiltà finanzjarja u/jew l-ekonomija reali. Għalhekk, f'konformità mal-ewwel objettiv tar-riżoluzzjoni, l-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni għandhom ifittxu li jippreservaw il-kontinwità tal-funzjonijiet kritiċi.

Fl-2017, l-SRB ġabar l-awtovalutazzjonijiet tal-funzjonijiet kritiċi tal-banek taħt il-mandat tiegħu fil-mudell tal-funzjonijiet kritiċi. L-SRB u l-NRAs irrieżaminaw ir-rapporti li rċevew u ddiskutewhom mal-banek inkwistjoni bil-għan li jilħqu konklużjoni finali dwar il-kritikalità. Din il-konklużjoni hija riflessa fil-pjanijiet ta' riżoluzzjoni u tinforma, fost l-oħrajn, il-valutazzjonijiet tal-awtoritajiet dwar jekk ikunx xieraq li l-banek jiġu riżolti jekk ikunu inadempjenti.

Sabiex jiffaċilita din il-ħidma, l-SRB żviluppa għodda ta' valutazzjoni komparattiva li tgħaqqad l-awtovalutazzjonijiet u tqabbel id-diversi elementi tal-mudell bejn il-banek f'pajjiżi differenti. B'kuntrast mal-mudell tad-data dwar l-obbligazzjonijiet, il-mudell tal-funzjonijiet kritiċi għadu kompletament ibbażat fuq l-Excel, bħalma huma l-għodod analitiċi żviluppati mill-SRB sabiex jagħmel valutazzjoni komparattiva tal-informazzjoni li hemm fih. Il-valutazzjoni komparattiva kienet waħda mir-riżultati ewlenin tal-programm ta' ħidma tal-SRB għall-2017.

L-eżerċizzju ta' ġbir tad-data tal-2018 ser isir b'mod simili, b'bidliet żgħar derivati mil-lezzjonijiet miksuba mill-SRB u mill-NRAs matul iċ-ċiklu tal-2017.

**3. MUDELL TAL-INFRASTRUTTURA TAS-SUQ FINANZJARJU**

Kull meta istituzzjoni tfalli, l-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni jeħtieġ li jkollhom informazzjoni komprensiva dwar il-fornituri tas-servizzi tal-ISF (ISF u intermedjarji li jipprovdu servizzi ta' pagament, ikklerjar jew saldu) użati minn dik l-istituzzjoni. L-iżgurar ta' aċċess kontinwu għall-ISF huwa essenzjali sabiex istituzzjoni tkun tista' tkompli twettaq l-attivitajiet bankarji tagħha u, b'mod partikolari, il-funzjonijiet kritiċi li tipprovdi lill-ekonomija.

L-SRB jiġbor din l-informazzjoni matul il-proċess tal-ippjanar tar-riżoluzzjoni fil-forma ta' mudell tal-ISF. Dan il-mudell jibni fuq l-Anness VIII għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-UE 2016/1066.

Il-mudell jintuża sabiex tinġabar data f'format Excel u sabiex jitħejjew il-kapitoli rilevanti fl-analiżijiet kummerċjali strateġiċi tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni.

## 2.3. Analiżi tal-istabbiltà finanzjarja

**KISBIET EWLENIN FL-2017**

Fl-2017, l-SRB stabbilixxa unità ddedikata sabiex tappoġġja l-attivitajiet tiegħu ta' ppjanar tar-riżoluzzjoni u ġestjoni tal-kriżijiet bl-użu ta' analiżi robusta tal-istabbiltà finanzjarja, li għandha tiġi żviluppata abbażi ta' metodoloġiji u data xierqa u tal-aħjar prattika. Il-ħidma tal-unità ser tikkontribwixxi għal għadd ta' suġġetti ta' riżoluzzjoni, pereżempju, il-valutazzjoni tal-interess pubbliku, funzjonijiet kritiċi, l-għażla ta' għodod ta' riżoluzzjoni, valwazzjoni tal-assi u eżerċizzji ta' rikapitalizzazzjoni interna. L-iskop tal-unità huwa wkoll li jissorvelja r-riskji, il-vulnerabbiltà u żviluppi oħrajn fis-swieq bankarji u finanzjarji rilevanti minn perspettiva ta' riżoluzzjoni, kif ukoll l-esperjenza tal-NRA, permezz tal-ingranaġġ fuq il-ħidma magħmula minn istituzzjonijiet rilevanti oħrajn bħall-Bank Ċentrali Ewropew, il-Kummissjoni Ewropea, banek ċentrali nazzjonali u l-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku.

Għalkemm għad ma għandhiex biżżejjed persunal, l-unità kkontribwixxiet għall-valutazzjonijiet tal-interess pubbliku ta' każijiet ta' riżoluzzjoni riċenti. Huwa mistenni li l-unità jkollha l-membri tal-persunal kollha meħtieġa matul l-2018. Hija tibbenifika wkoll minn għarfien espert fil-qasam tal-istabbiltà finanzjarja fil-livell tal-NRAs permezz tal-Kumitat tar-Riżoluzzjoni.

([13]) Lingwaġġ tar-Rapportar Kummerċjali Estensibbli

## 2.4. Kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali, l-istituzzjonijiet Ewropej u l-awtoritajiet mhux tal-UE

Fl-2017, l-SRB kompla wkoll bil-kooperazzjoni tiegħu mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, b'ħall-istituzzjonijiet Ewropej, l-awtoritajiet nazzjonali mill-iSM tal-Unjoni Bankarja u minn SM barra l-Unjoni Bankarja u pajjiżi terzi f'livelli differenti. Din il-kooperazzjoni kontinwa fil-livell Ewropew u internazzjonali tiżgura skambju kostanti ta' informazzjoni, flussi tax-xogħol u l-aħjar prattiki u, b'hekk, turi li hija essenzjali għall-ħidma tal-SRB. Hija mhux biss issaħħaħ il-qafas tar-riżoluzzjoni, iżda wkoll ittejjeb il-viżibbiltà tal-SRB.

### ŻVILUPPI EWLENIN FL-2017

### 1. KOOPERAZZJONI MAL-AWTORITAJIET TA' RIŻOLUZZJONI NAZZJONALI FI ĦDAN IL-MEKKANIŻMU UNIKU TA' RIŻOLUZZJONI

L-SRB żamm ukoll il-kooperazzjoni b'saħħitha tiegħu mal-NRAs fi ħdan l-SRM, li hija mħaddna fir-regoli li jirregolaw l-SRM. Hija tistabbilixxi li l-NRAs huma membri tas-Sessjoni Plenarja u parteċipanti ad hoc fis-Sessjonijiet Eżekuttivi Estiżi. L-NRAs jipparteċipaw ukoll fil-kumitati, in-networks u t-task forces tal-SRB. Matul l-2017, il-kooperazzjoni mal-NRAs kienet essenzjali sabiex jissoktaw l-attivitajiet ta' ppjanar tar-riżoluzzjoni fi ħdan l-IRTs u sabiex jiġu żviluppati politiki interni u flussi ta' xogħol tekniku fil-laqgħat ta' kull xahar tal-Kumitat tar-Riżoluzzjoni. Dan japplika wkoll għall-kooperazzjoni mal-NRAs fi ħdan il-kumitati tal-kontribuzzjonijiet u l-investiment tal-SRF għat-twettiq tal-attivitajiet relatati mal-funzjonament tal-SRF u fi ħdan il-Kumitat tal-Baġit Amministrattiv. Barra minn hekk, l-NRAs ġew mistiedna u kkontribwixxew b'mod attiv fil-programmi ta' taħriġ organizzati mill-SRB, li fl-2017 iffokaw prinċipalment fuq taħriġ ta' induzzjoni għall-membri tal-persunal ġodda tal-SRB u tal-NRA, kif ukoll fuq kwistjonijiet legali u finanzjarji speċifiċi rilevanti għar-riżoluzzjoni tal-banek. Fl-aħħar nett, il-ħidma dwar ir-reviżjoni tal-CoFra — li hija parti essenzjali mill-qafas għall-kooperazzjoni bejn l-SRB u l-NRAs — bdiet fl-2017.

### 2. KOOPERAZZJONI MAL-ISTITUZZJONIJIET U L-AĠENZIJI EWROPEJ

**IL-PARLAMENT EWROPEW**

European Parliament

F'konformità mal-obbligu tal-SRB tar-responsabbiltà pubblika, il-President tal-SRB ġie mistieden fil-Parlament Ewropew diversi drabi fl-2017. Il-President ippreżenta r-Rapport annwali għall-2016 matul seduta pubblika tal-Kumitat ECON fil-11 ta' Lulju u l-programm ta' ħidma u ppjanar pluriennali għall-2018 f'seduta pubblika fl-4 ta' Diċembru. Matul is-sena, il-President ipparteċipa f'diversi seduti u skambji oħrajn, b'mod partikolari f'waħda dwar ir-riżoluzzjoni tal-kontropartijiet ċentrali (CCPs). L-SRB kompla bil-kuntatt mill-qrib u l-iskambju tiegħu mas-Segretarjat tal-Kumitat ECON dwar il-kwistjonijiet kollha relatati mal-mandat tiegħu u wieġeb il-mistoqsijiet parlamentari b'mod f'waqtu u komprensiv. L-SRB issorvelja mill-qrib il-proċess leġiżlattiv u l-laqgħat tal-kumitat dwar il-fajls rilevanti, b'mod partikolari l-progress dwar il-pakkett għat-tnaqqis tar-riskji.

**IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA**

Council of the European Union

Bl-istess mod, l-SRB saħħaħ ir-rabtiet u l-kooperazzjoni tiegħu mal-Kunsill f'ħafna oqsma u żamm skambju regolari mal-Presidenzi tal-Kunsill ta' Malta u tal-Estonja dwar il-prijoritajiet tagħhom. Il-President ipparteċipa fil-laqgħat tal-Grupp tal-Euro kull meta ġie mistieden. L-SRB ikkontribwixxa għal u pparteċipa fil-ħidma tal-grupp ta' ħidma tal-Grupp tal-Euro u tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju dwar aspetti relatati mal-pakkett għat-tnaqqis tar-riskji, l-implimentazzjoni tal-kapaċità totali ta' assorbiment tat-telf (TLAC), it-tisħiħ tal-qafas ta' riżolvibbiltà u l-assigurazzjoni tad-depożiti. L-SRB ipprovda appoġġ tekniku u preżentazzjonijiet dwar dawn is-suġġetti matul il-laqgħat tal-grupp ta' ħidma ad hoc (AHWP) dwar l-iskema Ewropea ta' assigurazzjoni tad-depożiti (EDIS), fejn huwa membru permanenti, u lill-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar is-Servizzi Finanzjarji, kull meta ġie mistieden. Fl-2017, l-SRB kompla jipprovdi għarfien espert tekniku sabiex jissoktaw id-diskussjonijiet dwar garanzija ta' kontinġenza komuni għall-SRF fil-kuntest tat-Task Force dwar Azzjoni Koordinata (TFAK).

**IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW**

EUROPEAN CENTRAL BANK

Fl-2017, l-SRB kompla bil-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni tiegħu mal-Bank Ċentrali f'konformità mal-memorandum ta' qbil (MtQ). F'Mejju 2017 saret laqgħa ta' livell għoli bejn il-Bank Ċentrali u l-SRB sabiex jiġu diskussi kwistjonijiet operazzjonali u ta' politika. Fil-livell tal-maniġment intermedju, ġew organizzati laqgħat jew konferenzi bil-vidjo kull tliet xhur sabiex jiġu indirizzati s-suġġetti operazzjonali li jirriżultaw bħala parti mill-kooperazzjoni bejn l-SRB u l-Bank Ċentrali. Fil-livell tekniku, l-unitajiet orizzontali tal-SRB u tal-Bank Ċentrali jżommu kuntatt regolari. Bl-istess mod, l-IRTs u t-timijiet konġunti ta' sorveljanza jikkooperaw fuq bażi ta' kuljum fir-rigward tal-istituzzjonijiet individwali. L-SRB attenda wkoll laqgħat tal-Bord Superviżorju tal-Bank Ċentrali sabiex jiddiskuti suġġetti relatati mar-riżoluzzjoni jew każijiet individwali (fir-rigward ta' riżoluzzjoni potenzjali jew azzjonijiet ta' intervent bikri fil-ġejjieni), kull meta ġie mistieden.

Matul it-tieni nofs tal-2017, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-MtQ, il-Bank Ċentrali u l-SRB irrevedew il-MtQ u ħadmu b'mod partikolari fuq it-titjib tal-iskambju tal-informazzjoni, li jikkorrispondi għal rakkomandazzjoni ewlenija mir-rapport speċjali tal-Qorti tal-Awdituri tal-2017. Ir-reviżjoni tal-MtQ tal-2017 saret sabiex jiġu indirizzati l-lezzjonijiet miksuba fl-iskambju ta' informazzjoni mill-iffirmar tal-MtQ fl-2015, inkluż l-iskambju ta' informazzjoni f'każijiet ta' kriżi. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni bejn l-SRB u Bank Ċentrali ser jiġi estiż għall-fażi preparatorja, kif ukoll għall-finijiet ta' riżoluzzjoni u ġestjoni tal-kriżijiet, billi jibni aktar fuq il-prattika attwali fejn, għall-banek f'sitwazzjonijiet ta' kundizzjonijiet finanzjarji li qed jiddeterjoraw malajr, il-Bank Ċentrali ser jikkondividi l-informazzjoni mal-SRB indipendentement minn u qabel l-adozzjoni ta' miżura ta' intervent bikri. Barra minn hekk, l-abbozz tal-MtQ rivedut jipprevedi xi simplifikazzjonijiet u kjarifiki rigward l-iskambji ad hoc ta' informazzjoni li mhumiex koperti mill-iskambju awtomatiku. Il-MtQ rivedut ġie ppubblikat fuq is-siti web tal-Bank Ċentrali u tal-SRB fis-6 ta' Ġunju 2018.

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Fl-2017, l-SRB kompla bil-kooperazzjoni mill-qrib tiegħu mad-direttorati ġenerali rilevanti tal-Kummissjoni, l-aktar mad-Direttorat Ġenerali għall-Istabilità Finanzjarja, is-Servizzi Finanzjarji u l-Unjoni tas-Swieq Kapitali u mad-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni fil-livelli kollha dwar bosta aspetti li huma rilevanti għall-ħidma u l-funzjonijiet tal-SRB. Barra minn hekk, il-kooperazzjoni mill-qrib bejn il-Kummissjoni u l-SRB hija istituzzjonalizzata mill-fatt li l-Kummissjoni għandha status ta' osservatur fis-Sessjonijiet Plenarji u Eżekuttivi tal-SRB u fil-laqgħat tal-Kumitati ta' Riżoluzzjoni fl-SRB.

L-SRB għamel ħiltu sabiex jipprovdi għarfien espert u appoġġ tekniku bil-għan li jgħin lill-Kummissjoni tissokta bil-proċess leġiżlattiv dwar l-implimentazzjoni tal-istandard tat-TLAC, dwar l-istabbiliment tal-MREL u dwar l-assigurazzjoni tad-depożiti.

## L-AWTORITÀ BANKARJA EWROPEA

Fl-2017, l-SRB kompla jsaħħaħ il-kooperazzjoni tiegħu mal-EBA, b'mod partikolari fl-iżvilupp tal-ġabra unika tar-regoli u sabiex ikopri l-elementi tal-ippjanar tar-riżoluzzjoni, inkluża l-organizzazzjoni tal-kulleġġi ta' riżoluzzjoni. L-SRB ikkontribwixxa għall-iżvilupp tal-bqija tal-istandards tekniċi skont il-BRRD (eż. l-istandards tekniċi ta' valwazzjoni u implimentazzjoni dwar l-informazzjoni dwar l-ippjanar tar-riżoluzzjoni) u għal flussi tax-xogħol iddedikati taħt l-awspiċi tal-Kumitat tar-Riżoluzzjoni tal-EBA. Dan il-Kumitat huwa ppresedut minn Membru tal-Bord SRB fuq bażi full-time, li jattendi wkoll il-laqgħat tal-Bord tas-Superviżuri tal-EBA bħala osservatur. L-SRB wettaq ukoll attivitajiet fir-rigward tal-konformità mar-rekwiżiti tar-rapportar u tan-notifika tal-EBA.

Bl-istess mod, l-SRB saħħaħ il-kooperazzjoni tiegħu mal-aġenziji superviżorji l-oħrajn tal-UE, jiġifieri l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq, kif ukoll mal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku u mal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà.

## 3. KOOPERAZZJONI MA' AWTORITAJIET MHUX TAL-UE

### (A) ARRANĠAMENTI TA' KOOPERAZZJONI TA' RIŻOLUZZJONI BILATERALI

Fl-2017, l-SRB ikkonkluda żewġ arranġamenti ta' kooperazzjoni — mal-Korporazzjoni Federali tal-Assigurazzjoni tad-Depożiti (fit-28 ta' Settembru 2017) [14] u mal-Korporazzjoni Kanadiża tal-Assigurazzjoni tad-Depożiti (fit-22 ta' Diċembru 2017) [15]. Komplew in-negozjati mal-Awtorità Awstraljana dwar ir-Regolamentazzjoni Prudenzjali, mal-Bank Ċentrali tal-Brażil, mal-Istitut Messikan għall-Protezzjoni tat-Tfaddil Bankarju, mal-Bank Nazzjonali tas-Serbja u mal-Awtorità Żvizzera għas-Superviżjoni tas-Suq Finanzjarju bil-għan li jiġu konklużi l-arranġamenti bilaterali fl-2018. Dawn l-arranġamenti jipprovdu bażi għall-iskambju tal-informazzjoni u l-kooperazzjoni fl-ippjanar tar-riżoluzzjoni u l-implimentazzjoni ta' tali ppjanar għal istituzzjonijiet finanzjarji b'operazzjonijiet fl-Unjoni Bankarja u pajjiżi barra l-UE sabiex tissaħħaħ ir-riżolvibbiltà transkonfinali.

[14] https://srb.europa.eu/en/node/457

[15] https://srb.europa.eu/en/node/467



### (B) FTEHIMIET TA' KOOPERAZZJONI GĦAL GRUPPI TAL-ĠESTJONI TAL-KRIŻIJIET DWAR BANEK GLOBALI SISTEMATIKAMENT IMPORTANTI LI GĦALIHOM L-SRB HUWA L-AWTORITÀ TAD-DOMIĊILJU

Il-firmatarji ta' dawn il-ftehimiet ta' kooperazzjoni (CoAgs) jinkludu, fost l-oħrajn, awtoritajiet mhux tal-UE bħall-Korporazzjoni Federali tal-Assigurazzjoni tad-Depożiti, id-Dipartiment tas-Servizzi Finanzjarji tal-Istat ta' New York, il-Bord tal-Gvernaturi tas-Sistema ta' Riżerva Federali, il-Kummissjoni tat-Titoli u l-Kambju tal-Istati Uniti, l-Istitut Messikan għall-Protezzjoni tat-Tfaddil Bankarju, il-Bank Nazzjonali tal-Messiku u l-Kummissjoni tat-Titoli jew il-Bank Ċentrali tal-Brażil. Fl-2017, l-SRB ipproċeda bil-ħidma tiegħu dwar il-CoAgs u żamm negozjati estensivi mal-firmatarji bil-għan li jikkonkludihom fl-2018. Bl-istess mod, l-SRB mexxa n-negozjati dwar l-adeżjoni għall-CoAgs rigward dawk il-G-SIBs li għalihom l-SRB huwa l-awtorità ospitanti.

### (Ċ) VALUTAZZJONI TAR-REĠIMI TA' SEGRETEZZA PROFESSJONALI U KUNFIDENZJALITÀ TA' AWTORITAJIET MHUX TAL-UE

F'konformità mal-Artikolu 98 tal-BRRD, l-iskambju ta' informazzjoni ma' awtoritajiet mhux tal-UE jiddependi mir-rekwiżiti u l-istandards tas-segretezza professjonali tagħhom li jkunu ekwivalenti għal dawk tal-UE. Għalhekk, l-SRB adotta opinjonijiet dwar l-ekwivalenza tar-reġimi ta' segretezza professjonali u kunfidenzjalità tal-Korporazzjoni Federali tal-Assigurazzjoni tad-Depożiti (fis-26 ta' Ġunju 2017), tal-Korporazzjoni Kanadiża tal-Assigurazzjoni tad-Depożiti (fil-15 ta' Diċembru 2017), tal-Bord tal-Gvernaturi tas-Sistema ta' Riżerva Federali, tad-Dipartiment tas-Servizzi Finanzjarji tal-Istat ta' New York u tal-Kummissjoni tat-Titoli u l-Kambju tal-Istati Uniti (kollha fit-8 ta' Jannar 2018). Ġew imnedija valutazzjonijiet ta' 15-il awtorità oħra u dawn ser jiġu ffinalizzati u adottati b'mod progressiv fl-2018.



## 2.5. Relazzjonijiet internazzjonali

Il-Bord għall-Istabilità Finanzjarja (FSB) u organizzazzjonijiet intergovernattivi oħrajn għandhom irwol importanti fil-promozzjoni tal-konverġenza u fl-għoti ta' pariri fil-qasam tar-riżoluzzjoni. F'dan il-kuntest, fil-kapaċità tiegħu bħala l-awtorità ta' riżoluzzjoni fi ħdan l-Unjoni Bankarja b'responsabbiltà diretta għall-banek l-aktar importanti fiż-żona tal-euro u għall-gruppi bankarji transkonfinali, l-SRB irfina l-profil tiegħu u kkontribwixxa l-għarfien espert dejjem jikber tiegħu għall-ħidma ta' dawn l-organizzazzjonijiet intergovernattivi.

### ŻVILUPPI EWLENIN FL-2017

### 1. BORD GĦALL-ISTABILITÀ FINANZJARJA

Fl-2017, l-SRB ipparteċipa fil-gruppi ta' ħidma kollha tal-FSB, li l-enfasi tagħhom kienet dwar suġġetti relatati mar-riżoluzzjoni. Il-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżoluzzjoni, ippresedut mill-President tal-SRB sal-aħħar trimestru tal-2017, huwa l-kumitat komprensiv li jindirizza kwistjonijiet ta' riżoluzzjoni fi ħdan l-FSB. Fl-2017, minbarra l-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżoluzzjoni, l-SRB involva ruħu fil-gruppi u l-flussi tax-xogħol rilevanti kollha relatati mar-riżoluzzjoni tal-FSB. Il-Figura 4 tagħti ħarsa ġenerali lejn il-kumitati ewlenin tal-FSB li huma rilevanti għall-attivitajiet tal-SRB.

**Figura 4:** Kumitati, gruppi u flussi ta' ħidma tal-FSB fil-qasam tar-riżoluzzjoni u l-parteċipazzjoni tal-SRB fl-2017




Kumitati, gruppi u flussi ta' ħidma tal-FSB fil-qasam tar-riżoluzzjoni u l-parteċipazzjoni tal-SRB fl-2017



Fir-rigward tal-qafas ta' riżoluzzjoni tal-banek tal-FSB, fl-2017, l-SRB appoġġja lill-FSB fl-isforzi tiegħu sabiex ikompli joperazzjonalizza l-elementi ewlenin tiegħu, b'mod partikolari t-TLAC interna ([16]) u, b'mod aktar ġenerali, fir-rigward ta' kif għandhom jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet stabbiliti fid-dokument dwar il-kundizzjonijiet tat-TLAC. L-aċċess għall-ISF ([17])), il-finanzjament fir-riżoluzzjoni ([18])) u l-eżekuzzjoni tar-rikapitalizzazzjoni interna ([19])) kienu punti fokali oħrajn matul is-sena. L-SRB ikkontribwixxa wkoll għall-iżvilupp ta' gwida għal reġim ta' rkupru u ta' riżoluzzjoni għal CCPs mill-FSB. Wara l-ewwel konsultazzjoni pubblika dwar nota ta' diskussjoni ([20])), f'Lulju 2017 ġiet ippubblikata gwida dwar ir-riżoluzzjoni tas-CCP u l-ippjanar tar-riżoluzzjoni ([21])).

### 2. FOND MONETARJU INTERNAZZJONALI

Fl-2017, l-SRB kien involut f'żewġ eżerċizzji nazzjonali tal-programm ta' Valutazzjoni tas-Settur Finanzjarju ('Financial Sector Assessment Programme' - FSAP), jiġifieri fi Spanja u fil-Belġju. L-SRB ipprovda lill-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) b'informazzjoni rigward l-ispeċifiċitajiet tal-funzjonament tal-SRM, il-proċess tal-ippjanar tar-riżoluzzjoni għal istituzzjonijiet sinifikanti stabbiliti f'pajjiżi rispettivi u l-progress globali fl-iżvilupp ta' gwida u metodoloġiji rispettivi fil-qasam tar-riżoluzzjoni.

Fl-aħħar tal-2017, il-FMI beda l-FSAP taż-żona tal-euro (EA), fejn l-SRB huwa involut direttament bħala l-awtorità tar-riżoluzzjoni fl-EA. L-ewwel laqgħa tal-FSAP tal-EA bejn il-FMI u l-SRB saret f'Novembru u ġiet segwita minn kwestjonarju dettaljat riċevut mill-SRB f'Diċembru. L-FSAP tal-EA ser ikompli fl-2018.




([16]) Ara l-FSB, *Guiding principles on the internal total loss-absorbing capacity of G-SIBs ('Prinċipji ta' gwida dwar il-kapaċità totali interna ta' assorbiment tat-telf tal-G-SIBs') ('TLAC interna')*, 2017 (http://www.fsb.org/2017/07/guiding-principles-on-the-internal-total-loss-absorbing-capacity-of-g-sibs-internal-tlac-2/).

([17]) Ara l-FSB, *Guidance on continuity of access to financial market infrastructures (FMIs) for a firm in resolution ('Gwida dwar il-kontinwità tal-aċċess għall-infrastrutturi tas-suq finanzjarju (ISF) għal impriża f'riżoluzzjoni')*, 2017 (http://www.fsb.org/2017/07/guidance-on-continuity-of-access-to-financial-market-infrastructures-fmis-for-a-firm-in-resolution-2/).

([18]) Ara l-FSB, *Funding strategy elements of an implementable resolution plan — Dokument konsultattiv*, 2017 (http://www.fsb.org/2017/11/funding-strategy-elements-of-an-implementable-resolution-plan/).

([19]) Ara l-FSB, *Principles on bail-in execution — Consultative document ('Il-prinċipji dwar l-eżekuzzjoni tar-rikapitalizzazzjoni interna — Dokument konsultattiv')*, 2017 (http://www.fsb.org/2017/11/principles-on-bail-in-execution/).

([20]) Ara *l-FSB, Essential aspects of CCP resolution planning — Nota ta' diskussjoni*, 2016 (http://www.fsb.org/2016/08/essential-aspects-of-ccp-resolution-planning/) u l-FSB SRC, l-FSB RESG, il-BCBS, is-CPMI u l-IOSCO, *Progress report on the CCP workplan*, 2016 (http://www.fsb.org/2016/08/progress-report-on-the-ccp-workplan-2/).

([21]) Ara l-FSB, *Guidance on central counterparty resolution and resolution planning*, 2017 (http://www.fsb.org/2017/07/guidance-on-central-counterparty-resolution-and-resolution-planning-2/).

## 2.6. Attività regolatorja/proċess leġiżlattiv tal-fajls rilevanti

Fl-2017, l-SRB kompla d-djalogu intensiv tiegħu mal-Kummissjoni u mal-koleġiżlaturi fil-Parlament u l-Kunsill dwar kwistjonijiet relatati mar-riżoluzzjoni li jakkumpanjaw il-progress li sar dwar il-pakkett għat-tnaqqis tar-riskji. Il-missjoni tal-SRB f'dan il-kuntest kienet li jipprovdi għarfien espert u pariri tekniċi matul l-istadji differenti tal-proċess leġiżlattiv.

### ŻVILUPPI EWLENIN FL-2017

#### 1. IT-TRASPOŻIZZJONI TAL-FTEHIM DWAR IL-KAPAĊITÀ TOTALI TA' ASSORBIMENT TAT-TELF FIL-LIĠI EWROPEA U L-ARMONIZZAZZJONI MAL-MREL

Fl-2017, l-SRB segwa mill-qrib id-dibattiti li qed jiżviluppaw fil-Kunsill u fil-Parlament dwar l-allinjament tat-traspożizzjoni tal-ftehim internazzjonali dwar it-TLAC fil-leġiżlazzjoni Ewropea mal-leġiżlazzjoni eżistenti dwar l-MREL.

Il-proposta għat-traspożizzjoni tat-TLAC ġiet inkluża fil-pakkett għat-tnaqqis tar-riskji li l-Kummissjoni ppreżentat f'Novembru 2016 permezz ta' modifiki tal-BRRD, tal-SRMR, tar-Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital u tad-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital IV eżistenti. L-SRB issorvelja mill-qrib il-ħidma li għaddejja u ppreżenta lill-Kunsill il-pożizzjoni tiegħu dwar diversi suġġetti ta' politika rilevanti, inkluż ir-rikonoxximent kuntrattwali ta' rikapitalizzazzjoni interna jew ir-rekwiżiti u l-gwida tal-MREL speċifiċi għall-istituzzjonijiet. Bl-istess mod, l-SRB ipprovda kummenti dettaljati dwar varjetà ta' suġġetti li jaffettwaw id-disinn kumplessiv tal-qafas ta' riżoluzzjoni u l-ħidma tal-SRB, bħal kriterji ta' eliġibbiltà għat-TLAC u l-MREL, kif ukoll livelli xierqa ta' MREL u setgħat ta' moratorju.

L-ewwel progress importanti dwar il-pakkett għat-tnaqqis tar-riskju kien il-ftehim f'Ottubru 2017 dwar il-qafas ġdid ta' ġerarkija tal-kredituri, li jipprovdi ċarezza u ċertezza legali għall-investituri, għall-banek u għas-superviżuri. L-SRB ser ikompli jassumi r-rwol tiegħu billi jipprovdi għarfien espert, jgħin sabiex jistabbilixxi qafas imtejjeb għar-riżolvibbiltà fl-Unjoni Bankarja u jappoġġja lill-koleġiżlaturi sabiex isibu ftehim malajr dwar il-partijiet li jifdal tal-pakkett għat-tnaqqis tar-riskju. L-involviment qawwi tal-SRB fil-proċess leġiżlattiv ta' dan il-pakkett leġiżlattiv importanti huwa konformi wkoll ma' rakkomandazzjoni tar-rapport speċjali tal-Qorti tal-Awdituri tal-2017.

#### 2. RIŻOLUZZJONI DWAR L-INFRASTRUTTURA TAS-SUQ FINANZJARJU

Fl-2017, l-SRB kompla bl-involviment tiegħu ma' atturi internazzjonali u tal-UE sabiex tiġi stabbilita leġiżlazzjoni għar-riżoluzzjoni ordnata tal-ISF, li għandhom rwol importanti fis-swieq finanzjarji Ewropej. L-SRB kompla jippromwovi l-pożizzjonijiet tiegħu u jikkondividi l-għarfien espert tiegħu fil-fora internazzjonali rilevanti, bħall-FSB, li ppubblika gwida dwar l-irkupru u r-riżoluzzjoni tas-CCPs f'Lulju 2017, u fost imsieħba Ewropej u internazzjonali oħrajn. L-SRB dejjem enfasizza l-importanza li jiġi stabbilit qafas ta' riżoluzzjoni tas-CCP, b'mod partikolari fid-dawl tal-interkonnettività ta' ħafna banek taħt il-mandat tal-SRB mas-CCPs. L-SRB ser jissorvelja mill-qrib il-ftehim probabbli dwar dan il-fajl u ser ikun lest sabiex jikkontribwixxi għad-diskussjoni, kull meta jiġi mistieden.





#### 3. SKEMA EWROPEA TA' ASSIGURAZZJONI TAD-DEPOŻITI

Id-diskussjonijiet dwar l-introduzzjoni ta' skema Ewropea ta' assigurazzjoni tad-depożiti (EDIS) bil-għan li tiġi stabbilita sistema ta' garanzija tad-depożiti dejjem aktar ċentralizzata għall-membri kollha taż-żona tal-euro u bil-għan li jitlesta t-tielet pilastru tal-Unjoni Bankarja komplew ukoll fuq livell tekniku fil-Kummissjoni, fil-Parlament u fil-Kunsill fl-2017. L-SRB, li jappoġġja l-implimentazzjoni tat-tielet pilastru, ikkontribwixxa għal dawn id-dibattiti tekniċi billi pprovda kummenti dettaljati dwar id-disinn kumplessiv tal-EDIS, kif ukoll dwar l-użu ta' miżuri alternattivi u l-importanza li jiġu armonizzati l-liġijiet nazzjonali dwar l-insolvenza.

F'Ottubru 2017, il-Kummissjoni enfasizzat fil-komunikazzjoni tagħha approċċ aktar gradwali lejn l-introduzzjoni tal-EDIS f'attentat sabiex jitħaffu d-diskussjonijiet li għaddejjin. L-SRB ser ikompli jkun lest sabiex jipprovdi għarfien espert tekniku u jappoġġja l-progress dwar dan il-proġett importanti, ladarba l-qafas deskritt fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni jkun ġie żviluppat aktar.

#### 4. DISPOŻIZZJONIJIET DWAR GARANZIJA TA' KONTINĠENZA

Sabiex iwettaq il-mandat legali tiegħu f'każ ta' riżoluzzjoni li tkun teħtieġ aċċess għall-SRF, l-SRB irid ikollu biżżejjed mezzi finanzjarji għad-dispożizzjoni tiegħu f'kull ħin. Filwaqt li l-livell ta' fondi tal-SRF qiegħed jiżdied permezz ta' kontribuzzjonijiet *ex ante* u diġà ġew ippromulgati ftehimiet dwar faċilitajiet ta' self ('loan facility agreements' - LFAs), garanzija ta' kontinġenza komuni tista' tipprovdi rimedju għan-nuqqasijiet ta' fondi potenzjali f'kull ħin u, b'hekk, tkompli tappoġġja l-istabilità finanzjarja. Huwa importanti li l-fornitur tal-garanzija ta' kontinġenza komuni jkun jista' jipprovdi assistenza finanzjarja f'perjodu ta' żmien qasir u li l-kundizzjonijiet madwar l-aċċess ikunu ċari u sempliċi, filwaqt li tiġi evitata wkoll duplikazzjoni tal-kompiti bejn l-SRB u l-fornitur tal-garanzija ta' kontinġenza. Matul l-2017, l-SRB ħadem flimkien ma' korpi regolatorji, mal-Bank Ċentrali u mal-Istati Membri fil-kuntest tat-TFAK lejn soluzzjoni vijabbli rigward din l-inizjattiva.

# 3. ĠESTJONI TAL-KRIŻIJIET

Filwaqt li l-ippjanar tar-riżoluzzjoni huwa wieħed mill-kompiti fit-tul tal-SRB sabiex tiġi żgurata r-riżolvibbiltà tal-banek, huwa importanti wkoll li jsiru t-tħejjijiet għal kriżijiet imminenti. F'dan il-kuntest, irid jiġi nnotat li l-proċess tal-ġestjoni tal-kriżijiet tal-SRB huwa dinamiku u jiddependi mill-karatteristiċi individwali ta' kull każ ta' kriżi. Sabiex jiġi stabbilit approċċ konsistenti u tiġi żgurata l-aħjar tħejjija possibbli, abbażi wkoll tal-lezzjonijiet miksuba minn sitwazzjonijiet ta' kriżi preċedenti, ittieħdu diversi inizjattivi orizzontali fid-direttorati kollha.

## 3.1. Deċiżjoni ta' riżoluzzjoni u deċiżjonijiet negattivi

### ŻVILUPPI EWLENIN FL-2017

#### 1. BANCO POPULAR

Fis-7 ta' Ġunju 2017, l-SRB adotta l-ewwel deċiżjoni tiegħu dwar riżoluzzjoni [22]. Id-deċiżjoni kienet tikkonċerna lil Banco Popular Español S.A., l-istituzzjoni prinċipali tal-Grupp Banco Popular. Il-grupp kien is-sitt l-akbar grupp bankarju Spanjol, b'assi totali ta' EUR 147.11 biljun, u 1 644 fergħa u 10 634 impjegat fi Spanja [23]. In-negozju tal-grupp kien ikkonċentrat l-aktar fi Spanja, b'sussidjarju bankarju fil-Portugall u b'xi preżenza f'pajjiżi terzi barra l-UE permezz ta' sussidjarji, fergħat u uffiċċji rappreżentattivi. Il-mudell kummerċjali tal-grupp kien partikolarment iffokat fuq is-segment tas-suq tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) fi Spanja.

Minħabba s-sitwazzjoni tal-likwidità taħt stress tiegħu, fis-6 ta' Ġunju 2017, il-Bank Ċentrali Ewropew iddikjara lil Banco Popular bħala li 'qed ifalli jew li x'aktarx ifalli' u nnotifika b'dan lill-SRB. L-SRB iddeċieda fis-Sessjoni Eżekuttiva tiegħu li r-riżoluzzjoni kienet fl-interess pubbliku minħabba li żgurat il-kontinwità tal-funzjonijiet kritiċi, jiġifieri billi pproteġiet lid-depożitanti korporattivi domestiċi u mhux finanzjarji ta' Banco Popular, l-għoti ta' self lill-SMEs u l-provvista ta' servizzi ta' ħlas u flus kontanti u billi evitat stabbiltà finanzjarja negattiva. L-azzjoni ta' riżoluzzjoni ssodisfat ukoll l-objettivi l-oħrajn tar-riżoluzzjoni. L-SRB iddeċieda li l-bejgħ tal-għodda kummerċjali għat-trasferiment tal-ishma lil akkwirent issodisfa l-aħjar l-objettivi tar-riżoluzzjoni u ta struzzjonijiet lill-FROB tal-NRA Spanjola sabiex timplimenta d-deċiżjoni. B'riżultat ta' dan, l-ishma, inkluż in-negozju kollu ta' Banco Popular u s-sussidjarji tiegħu, ġew ittrasferiti lil Santander Group b'effett immedjat, wara l-eżerċitar tas-setgħa ta' valwazzjoni negattiva u l-konverżjoni tal-istrumenti kapitali ta' Banco Popular.

Il-prezz tax-xiri mħallas minn Santander għall-ishma u l-istrumenti kapitali ta' Banco Popular kien ta' EUR 1. L-iskema ta' riżoluzzjoni daħlet fis-seħħ wara l-approvazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea.

Fir-rigward tal-effetti tal-azzjoni ta' riżoluzzjoni, il-klijenti bbenifikaw mill-adozzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni u mit-trasferiment ta' Banco Popular għal istituzzjoni finanzjarja kbira u soda.

(22) https://srb.europa.eu/en/node/315

(23) Data mill-aħħar tal-ewwel trimestru tal-2017. Ara Banco Popular, Rapport ta' kull tliet xhur tal-ewwel trimestru tal-2017, 2017 (http://www.grupobancopopular.com/EN/INVESTORRELATIONS/FINANCIALINFORMATION/Paginas/InformesTrimestrales.aspx).

L-azzjoni ta' riżoluzzjoni ppermettiet il-kontinwazzjoni tal-provvista ta' funzjonijiet u servizzi kritiċi lil individwi u SMEs minn Banco Popular, b'mod partikolari s-servizzi ta' self u teħid ta' depożiti tiegħu. L-istabbiltà finanzjarja ġiet ippreservata u l-użu ta' fondi pubbliċi ġie evitat.

Wara d-deċiżjoni, il-verżjonijiet mhux kunfidenzjali tad-dokumenti li ġejjin relatati mal-azzjoni ta' riżoluzzjoni mwettqa ġew magħmula disponibbli mill-SRB [24]:

- id-deċiżjoni dwar ir-riżoluzzjoni, jiġifieri d-deċiżjoni tal-SRB tas-7 ta' Ġunju 2017 dwar l-adozzjoni ta' skema ta' riżoluzzjoni fir-rigward ta' Banco Popular;
- ir-rapport ta' valwazzjoni u l-annessi tiegħu mħejjija mill-espert indipendenti, Deloitte, fil-kuntest tal-azzjoni ta' riżoluzzjoni (valwazzjoni 2);
- ir-rapport ta' valwazzjoni mħejji mill-SRB għall-valutazzjoni ta' jekk Banco Popular kienx qed ifalli jew x'aktarx li jfalli (valwazzjoni 1);
- l-ittra li tirrigwardja l-proċess tal-bejgħ tal-FROB datata 6 ta' Ġunju 2017;
- id-deċiżjoni ta' kummerċjalizzazzjoni, jiġifieri d-deċiżjoni tal-SRB tat-3 ta' Ġunju 2017 dwar il-kummerċjalizzazzjoni ta' Banco Popular; u
- il-pjan ta' riżoluzzjoni tal-2016 imfassal fir-rigward ta' Banco Popular.

Barra minn hekk, l-FROB ippubblikat l-ordni ta' implimentazzjoni tagħha tas-7 ta' Ġunju 2017 [25].

#### 2. VENETO BANCA U BANCO POPOLARE DI VICENZA

Fit-23 ta' Ġunju 2017, wara d-deċiżjoni mill-Bank Ċentrali Ewropew li jiddikjara lil Banca Popolare di Vicenza S.p.A. u Veneto Banca S.p.A. bħala 'inadempjenti jew li x'aktarx ikunu inadempjenti', l-SRB iddeċieda li l-azzjoni ta' riżoluzzjoni mill-SRB ma kinitx ġustifikata għal dawn il-banek [26].

L-SRB ikkonkluda li ma kien hemm ebda miżura alternattiva ta' superviżjoni jew tas-settur privat li setgħet tipprevjeni l-falliment tal-banek. Barra minn hekk, wara kunsiderazzjoni bir-reqqa dwar jekk l-azzjoni tar-riżoluzzjoni kinitx meħtieġa u proporzjonata sabiex tissalvagwardja l-objettivi stabbiliti fil-qafas tar-riżoluzzjoni, l-SRB ikkonkluda li azzjoni ta' riżoluzzjoni ma kinitx fl-interess pubbliku, minħabba li l-ebda wieħed miż-żewġ bank ma pprovda funzjonijiet kritiċi u l-falliment tagħhom ma kienx mistenni li jkollu impatt negattiv sinifikanti fuq l-istabbiltà finanzjarja tal-Istat Membru.

B'riżultat ta' dan, fl-istess jum, l-SRB ikkomunika ż-żewġ deċiżjonijiet lill-Banca d'Italia li, bħala NRA, poġġiet lil kull bank f'likwidazzjoni amministrattiva obbligatorja (il-proċedura regolari tal-insolvenza Taljana għall-banek).

#### 3. EŻERĊIZZJU POST-MORTEM — IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW-IL-KUMMISSJONI EWROPEA-L-SRB

Fl-aħħar trimestru tal-2017, l-SRB intensifika l-iskambju ta' fehmiet u l-kooperazzjoni tiegħu mal-Kummissjoni u mal-Bank Ċentrali sabiex itejjeb diversi aspetti tal-qafas ta' superviżjoni/riżoluzzjoni tal-Unjoni Bankarja. Dawn il-flussi tax-xogħol ser ikomplu jwettqu l-attivitajiet rispettivi tagħhom fl-2018.

24 Dawn id-dokumenti, kif ukoll dokumenti oħrajn relatati ma' dan il-każ ta' riżoluzzjoni, jistgħu jinstabu fuq https://srb.europa.eu/en/content/banco-popular

25 http://www.frob.es/en/Lists/Contenidos/Attachments/419/ProyectodeAcuerdoreducido_EN_v1.pdf

26 https://srb.europa.eu/en/node/341

## 3.2. Proġetti sabiex tissaħħaħ il-preparazzjoni għall-kriżijiet

Sabiex ikun ippreparat għal avvenimenti futuri ta' kriżi u riżoluzzjoni u jiżgura r-riżolvibbiltà f'waqtha u ordnata bl-għodod xierqa disponibbli, l-SRB qiegħed kontinwament jistinka sabiex itejjeb is-sett ta' għodod tiegħu u fl-2017 beda għadd ta' proġetti u eżerċizzji, filwaqt li kkunsidra r-rispons mill-partijiet ikkonċernati u mill-NRAs, kif ukoll il-lezzjonijiet miksuba minn sitwazzjonijiet ta' kriżi preċedenti. Dawn l-inizjattivi jinkludu proġett ta' tħejjija għall-kriżijiet u l-iżvilupp ta' qafas ta' valwazzjoni affidabbli, kif ukoll it-twettiq ta' eżerċizzji ta' sessjonijiet ta' prattika regolari għall-finijiet ta' simulazzjoni.

### KISBIET EWLENIN FL-2017

#### 1. PROĠETT TA' TĦEJJIJA GĦALL-KRIŻIJIET

Fl-2017, l-SRB beda jimplimenta l-proġett ta' tħejjija għall-kriżijiet, li għandu l-ħsieb li jrawwem approċċ konsistenti u komuni għall-ġestjoni tal-kriżijiet. Il-miżuri għal proċess effiċjenti ta' ġestjoni tal-kriżijiet għadhom għaddejjin u jirrigwardaw:

- it-tfassil ta' proċessi u flussi ta' xogħol ottimali u pass pass (it-tisħiħ tad-dokumentazzjoni interna u l-esperjenza tal-SRB f'każijiet ta' kriżi);
- l-analiżi u l-proponiment tal-arranġamenti organizzazzjonali u tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) neċessarji;
- l-immappjar tad-dokumenti/tal-għodod ta' sostenn eżistenti u l-integrazzjoni ta' żviluppi ġodda.

Il-proġett ta' tħejjija għall-kriżijiet huwa mibni madwar tliet fażijiet:

(i) fażi 1: inventarju u analiżi tal-lakuni;

(ii) fażi 2: l-implimentazzjoni ta' pjan direzzjonali; u

(iii) fażi 3: eżerċizzji ta' sessjonijiet ta' prattika għall-ittestjar tat-titjib.

L-SRB eżegwixxa l-ewwel fażi matul l-2017 bl-appoġġ ta' kumpanija ta' konsulenza esterna. L-attivitajiet ewlenin kienu jinkludu:

- it-twettiq ta' dokumentazzjoni u inventarju tal-prattiki;
- l-abbozzar ta' (i) passi operattivi interni tal-SRB bi flussi tax-xogħol ottimali dettaljati u l-proċessi relatati u (ii) proposta għal struttura operattiva mmirata tal-SRB; u
- l-identifikazzjoni ta' oqsma li jridu jittejbu u d-definizzjoni ta' pjan direzzjonali, b'azzjonijiet proposti.

Għall-ġejjieni, ir-riżultati tal-ewwel fażi jirrakkomandaw li jiġu indirizzati l-oqsma ewlenin għall-iżgurar ta' standards ta' riżoluzzjoni għolja fl-SRB, bħall-governanza u l-organizzazzjoni, id-dokumentazzjoni, l-għarfien u l-kompetenza, kif ukoll soluzzjonijiet tal-ICT imfassla bl-aħjar mod.





Sabiex jintlaħqu dawn l-objettivi, fil-bidu tal-2018, l-SRB beda jwaqqaf it-tim tattiku tar-riżoluzzjoni, grupp intern ta' esperti li jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet imsemmija hawn fuq u li huma lesti sabiex jappoġġjaw każijiet ta' kriżi fil-ġejjieni. It-tim għandu jkun operattiv fil-Q1 2018 u għandu l-mandat sabiex jifformalizza arranġamenti organizzattivi li għandhom jiġu segwiti f'każ ta' kriżi, kif ukoll jiżgura interazzjonijiet konsistenti u adegwati mal-partijiet ikkonċernati tal-SRB meta jittrattaw każijiet ta' kriżi.

#### 2. PROĠETT TA' VALWAZZJONI

Fil-bidu tal-2017 ġiet iffinalizzata proċedura ta' sejħa għall-offerti dwar pariri u assistenza dwar il-valwazzjoni ekonomika u l-fornitur estern ingħata żewġ kuntratti speċifiċi fil-kuntest tal-proġett ta' valwazzjoni.

Fir-rigward tal-ewwel kuntratt, dwar pariri u assistenza fl-iżvilupp ta' qafas ta' valwazzjoni tal-SRB, f'Ottubru 2017, il-fornitur estern iffinalizza, bl-assistenza u l-gwida tal-SRB, rapport ta' valutazzjoni komparattiva dwar il-valwazzjoni fir-riżoluzzjoni. Dan kien jikkostitwixxi l-bażi għal aktar sessjonijiet ta' ħidma ma' valwaturi taħt il-gwida fl-SRB, li wasslu għas-sottomissjoni tal-abbozz finali tal-qafas ta' valwazzjoni lill-SRB f'Diċembru 2017. L-abbozz finali ser jiġi diskuss ma' netwerk ta' esperti maħtura mill-NRAs u huwa mistenni li jiġi ffinalizzat fl-2018.

It-tieni kuntratt kien jikkonċerna valwazzjoni fittizja ta' G-SIB u bank ta' daqs medju. Ir-riżultati ewlenin mistennija jkunu l-istandardizzazzjoni tal-mudelli tad-data għal skopijiet ta' valwazzjoni. Bil-ħidma li għadha għaddejja, il-proġett huwa mistenni li jiġi ffinalizzat ukoll fl-2018.

### 3. SESSJONIJIET TA' PRATTIKA

**(a) Riżoluzzjoni transkonfinali ta' banek globali sistemikament importanti (eżerċizzju trilaterali fl-2017)**

Bħala segwitu għall-eżerċizzju ta' riżoluzzjoni transkonfinali tal-ogħla livell li tmexxa f'Ottubru 2016 bejn l-Istati Uniti, ir-Renju Unit u l-awtoritajiet tal-Unjoni Bankarja (bl-involviment ta' awtoritajiet superviżorji u ta' riżoluzzjoni, kif ukoll ta' banek ċentrali u teżori), il-programm ta' ħidma tal-2017 — il-programm ta' ħidma trilaterali ulterjuri (FTWP) — ġie stabbilit bil-għan li jesplora l-kwistjonijiet identifikati fl-eżerċizzju tal-2016 u jsaħħaħ il-kooperazzjoni fuq bażi trilaterali. Il-parteċipanti mill-Unjoni Bankarja huma l-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, il-Kummissjoni Ewropea u l-Bank Ċentrali Ewropew.

L-objettivi ewlenin tal-ħidma trilaterali ulterjuri tal-2017 kienu jinkludu:

- it-trawwim u l-iżvilupp ta' fehim komuni dwar ir-riżoluzzjoni ta' G-SIB u preparazzjoni mtejba għal riżoluzzjoni ta' G-SIB billi jkomplu jiġu identifikati u indirizzati l-ostakoli għar-riżoluzzjoni ta' G-SIB; u
- l-iżvilupp ta' playbooks għall-operazzjonalizzazzjoni tal-punti ta' koordinazzjoni transkonfinali ewlenin ta' riżoluzzjoni ta' G-SIB.

Matul il-laqgħat tal-flussi tax-xogħol differenti, ġew maqbula l-prinċipji għall-koordinazzjoni u l-organizzazzjoni tal-finanzjament fir-riżoluzzjoni bejn l-awtoritajiet tad-domiċilju u dawk ospitanti ta' G-SIB transkonfinali, ġew identifikati l-oqsma ta' diverġenza rigward l-oqfsa legali differenti u l-arranġamenti operazzjonali fil-ġuriżdizzjonijiet differenti u tħejjew il-playbooks ta' riżoluzzjoni transkonfinali għall-governanza, it-TLAC interna u l-komunikazzjonijiet li jiffokaw fuq l-interazzjonijiet meħtieġa bħala awtorità tad-domiċilju jew ospitanti matul il-fażijiet differenti ta' proċess ta' riżoluzzjoni.

Fi tliet laqgħat (fi Frar, f'Lulju u f'Novembru), il-membri tal-persunal anzjani involuti fil-ħidma li għaddejja pprovdew gwida u approvaw ir-riżultati proposti. L-eżitu tal-FTWP tal-2017 ġie diskuss bejn il-prinċipali tal-Istati Uniti, tar-Renju Unit u tal-awtoritajiet tal-Unjoni Bankarja fir-Rebbiegħa tal-2018. B'riżultat ta' dan, għall-2018 huwa previst eżerċizzju ta' simulazzjoni sabiex tiġi ttestjata l-effettività tal-playbooks, filwaqt li għall-2019 huwa previst it-tieni eżerċizzju ta' simulazzjoni fil-livell tal-Prinċipali.

**(b) Sessjoni ta' prattika interistituzzjonali**

Fis-sajf tal-2017 twettqet sessjoni ta' prattika teknika sabiex jiġu ttestjati s-sistemi tekniċi tal-komunikazzjoni bejn il-parteċipanti differenti.

L-enfasi ewlenija kienet fuq l-interazzjoni mal-Kunsill, li jkollu jieħu vot f'każ ta' nuqqas ta' qbil bejn l-SRB u l-Kummissjoni.

Is-sessjoni ta' prattika teknika tqieset bħala suċċess globali.



# 4. IL-FOND UNIKU TA' RIŻOLUZZJONI

## 4.1. Kontribuzzjonijiet

Skont l-Artikolu 69 tal-SRMR, sat-tmiem ta' perjodu inizjali ta' 8 snin mill-1 ta' Jannar 2016, l-SRF għandu jilħaq mill-inqas 1 % tal-ammont ta' depożiti koperti tal-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha awtorizzati fl-iSM parteċipanti kollha. Il-kontribuzzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 69, 70 u 71 tal-SRMR għandhom jinġabru mingħand l-entitajiet li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-SRMR mill-NRAs u jiġu ttrasferiti għall-SRF f'konformità mal-ftehim intergovernattiv dwar it-trasferiment u l-mutwalizzazzjoni tal-kontribuzzjonijiet għall-SRF.

F'Ġunju 2017, l-NRAs ittrasferixxew EUR 6.6 biljun ta' kontribuzzjonijiet *ex ante* tal-2017 għall-SRF, ikkalkolati skont l-SRMR mill-SRB (inklużi l-impenji ta' pagament irrevokabbli (IPCs)).

### KISBIET EWLENIN FL-2017

#### 1. LISTA TA' ISTITUZZJONIJIET KONTRIBUTORJI

Fil-bidu ta' kull ċiklu ta' kontribuzzjoni, l-SRB jikkoordina mal-NRAs sabiex tiġi aġġornata l-lista ta' istituzzjonijiet li huma taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-SRF. Għaċ-ċiklu tal-2017, dan il-proċess beda f'Ottubru 2016, meta l-SRB ipprovda l-lista ta' istituzzjonijiet lill-NRAs. L-NRAs intalbu jinformaw lill-SRB bi kwalunkwe bidliet qabel id-data tal-għeluq immedjata tal-15 ta' Diċembru 2016 u d-data tal-għeluq finali tal-15 ta' Jannar 2017.

#### 2. FORMOLA GĦAR-RAPPORTAR TAD-DATA

Huwa essenzjali għal proċess effettiv ta' kalkolu u ġbir tad-data li tiġi żgurata l-manutenzjoni regolari tal-formola għar-rapportar tad-data rigward l-aġġornamenti u l-koerenza mal-metodoloġija tal-kalkolu. Matul is-sajf tal-2017, l-SRB ħadem f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-NRAs sabiex flimkien jaġġornaw il-formola għar-rapportar tad-data għaċ-ċiklu tal-kontribuzzjoni tal-2018, approvat mis-Sessjoni Plenarja tal-SRB f'Settembru 2017. F'dak iż-żmien, abbażi ta' analiżi komprensiva tad-disponibbiltà tad-data, is-Sessjoni Eżekuttiva tas-SRB iddeċidiet li tinkludi l-Proporzjon ta' Kopertura tal-Likwidità bħala indikatur ta' riskju ġdid fil-metodoloġija tal-aġġustament tar-riskju f'konformità mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/63.



### 3. ĠBIR TAD-DATA

Fl-2017, l-SRB introduċa portal ġdid għall-ġbir tad-data, is-Sistema ta' Ġbir tal-Kontribuzzjonijiet ('Contribution Collection System' - CCS). Il-portal jippermetti lill-NRAs itellgħu mudelli f'format Excel jew XBRL. Wara li jittellgħu, il-mudelli f'format Excel jiġu kkonvertiti f'format XBRL, u dan jippermetti t-twettiq ta' kontrolli fl-isfond ta' sett ta' regoli predefiniti. Ir-rapporti li jiksru dan is-sett ta' regoli jiġu rrifjutati awtomatikament u l-portal jipproduċi messaġġ ta' żball li jispjega r-rifjut. Dawn il-kontrolli awtomatizzati tejbu b'mod sinifikanti l-kwalità tad-data riċevuta.

### 4. VERIFIKA TAD-DATA

Il-verifiki bir-reqqa li saru f'kooperazzjoni mill-qrib mal-NRAs irriżultaw fil-korrezzjoni ta' diversi żbalji klerikali, sabiex b'hekk, fil-mument tal-kalkolu, setgħu jkunu disponibbli l-punti tad-data kollha li kienu meħtieġa li jirrapportaw l-istituzzjonijiet. Barra minn hekk, id-data rrapportata mill-istituzzjonijiet ġiet kontroverifikata mad-data superviżorja tal-Bank Ċentrali.

Wara l-prattika stabbilita fl-2016, fid-9 ta' Novembru 2016, is-Sessjoni Eżekuttiva tal-Bord iddeċidiet li l-istituzzjonijiet li jappartjenu għal gruppi direttament issorveljati mill-Bank Ċentrali kellhom bżonn jipprovdu assigurazzjoni addizzjonali dwar data li ma kinitx ġiet irrapportata diġà taħt l-oqfsa ta' superviżjoni jew kontabbiltà. L-NRAs tħallew bid-diskrezzjoni li jestendu l-kamp ta' applikazzjoni tal-istituzzjonijiet u d-data koperta mill-assigurazzjoni addizzjonali fid-diskrezzjoni tagħhom. Barra minn hekk, l-istituzzjonijiet jistgħu jagħżlu li jmorru għal konferma minn awditur dwar punti ta' data speċifiċi ('proċedura maqbula') jew approvazzjoni mill-korp eżekuttiv fuq il-mudell sħiħ tal-2017 ([27]). L-istituzzjonijiet soġġetti għal ħlas ta' ammont f'daqqa kienu eżentati mir-rekwiżit ta' assigurazzjoni addizzjonali.

### 5. KALKOLU TAL-KONTRIBUZZJONIJIET

Fl-2017, l-SRB implimenta magna ta' kalkolu ġdida (is-sistema tal-kontabbiltà finanzjarja, FAS) għall-komputazzjoni *tal-kontribuzzjonijiet* ex ante. Il-metodoloġija tal-kalkolu ġiet implimentata fl-FAS fil-perjodu minn Ottubru sa Diċembru 2016. L-approċċ li ġej intuża għall-implimentazzjoni:

([27]) Meta mqabbel mas-sena li għaddiet, il-kamp ta' applikazzjoni tal-proċedura maqbula ġie estiż sabiex jinkludi t-tnaqqis għal Skemi ta' Protezzjoni Istituzzjonali (flimkien mad-depożiti koperti u l-aġġustament derivattiv, kif ukoll it-tnaqqis tas-self promozzjonali u intragrupp).



- verifika li l-passi tal-kalkoli huma konformi mal-qafas legali applikabbli u mal-atti preparatorji interni rilevanti tal-Bord;
- kontroverifika tar-riżultati tal-passi differenti tal-kalkoli ma' dawk miksuba mill-SRB bl-użu tal-għodod interni tiegħu.

Barra minn hekk, iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) tal-Kummissjoni Ewropea pprovda appoġġ tekniku billi wettaq kalkolu indipendenti *tal-kontribuzzjonijiet* ex ante. Il-JRC żviluppa algoritmu f'konformità mal-qafas legali applikabbli u mal-atti preparatorji interni rilevanti tal-SRB; L-algoritmu ġie ttestjat fuq id-data tal-input anonimizzata pprovduta permezz ta' mezzi ta' komunikazzjoni siguri lill-JRC mill-SRB. Ir-riżultati tal-kalkolu indipendenti tal-JRC qablu mar-riżultati miksuba mill-SRB bl-użu tal-għodod tiegħu stess.

Fl-aħħar nett, il-Bank Ċentrali, l-NCAs u l-NRAs ġew ikkonsultati formalment dwar il-kontribuzzjonijiet *ex ante* tal-2017.

### 6. ĠBIR TAL-KONTRIBUZZJONIJIET

L-SRB — flimkien mal-NRAs — ħadmu fuq l-armonizzazzjoni tal-mod kif l-istituzzjonijiet ġew innotifikati dwar l-ammonti ta' kontribuzzjoni. Dan l-isforz irriżulta f'żewġ kisbiet.

- 'Id-deċiżjoni prinċipali dwar il-kalkolu' tal-2017. Din id-deċiżjoni kellha l-għan li tispjega l-metodoloġija li ntużat sabiex jiġu kkalkolati l-kontribuzzjonijiet *ex ante* tal-2017. Hija ttrasponiet l-atti preparatorji rigward il-kalkolu meħud mill-SRB fi stadji preċedenti. L-NRAs bagħtu din id-deċiżjoni lill-istituzzjonijiet kollha, flimkien man-notifiki tagħhom.
- 'Anness armonizzat' individwali għal kull istituzzjoni. Dan id-dokument ipprovda lill-istituzzjonijiet bid-data tal-input ewlenija użata fil-kalkolu, il-valuri intermedji tal-kalkolu u l-kontribuzzjoni finali. Huwa ġie żviluppat f' kooperazzjoni mill-qrib mal-NRAs.

## 4.2. Investimenti

F'konformità mal-Artikolu 75 tal-SRMR, l-SRB huwa responsabbli mill-investiment tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* miġbura. Fl-aħħar tal-2017, l-ammont miżmum fl-SRF kien ta' EUR 17.4 biljun. Dan l-ammont jinkludi aktar minn EUR 15-il biljun fi flus kontanti u madwar EUR 2 biljun f'IPCs. Bħalissa, dan qed jinżamm f'kontijiet ta' flus kontanti ma' ħames banek ċentrali tal-Eurosistema, f'konformità mad-dispożizzjoni stipulata fl-Artikolu 17 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/451.

### KISBIET EWLENIN FL-2017

- **L-ewwel pjan ta' investiment ġie adottat formalment.** F'Ottubru 2017, il-Bord adotta l-ewwel pjan ta' investiment fis-Sessjoni Eżekuttiva tiegħu. Il-pjan ta' investiment joperazzjonalizza l-istrateġija ta' investiment, li ġiet riveduta mill-Bord fis-Sessjoni Plenarja tiegħu f'Jannar 2018. Il-bażi legali għall-istrateġija ta' investiment hija pprovduta mir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/451. Il-pjan ta' investiment jiddefinixxi l-istruttura, il-kompożizzjoni u l-karatteristiċi tal-portafoll tal-SRB, jiġifieri l-allokazzjoni tal-assi strateġiċi tiegħu. Il-pjan ta' investiment jiġi adottat għal perjodu ta' sena u jrid jiġi rivedut kull sena. Dan għandu l-għan li jilħaq l-objettivi ta' investiment tal-SRB sabiex jissodisfa l-ħtiġijiet tal-likwidità u jipproteġi l-valur tal-ammonti miżmuma fl-SRF. Taħt iċ-ċirkostanzi diffiċli attwali tas-suq b'ambjent b'rata tal-imgħax negattiva għall-investimenti likwidi u sikuri perċepiti, l-issodisfar tal-ħtiġijiet ta' likwidità, filwaqt li jiġi protett il-valur tal-SRF, jikkostitwixxi sfida minħabba l-limitazzjonijiet stabbiliti fir-regolament delegat u l-predispożizzjoni għar-riskju tal-SRB. L-issodisfar tal-ħtiġijiet tal-likwidità sabiex tkun lesta

**Figura 5:** Il-fluss tax-xogħol għall-implimentazzjoni tal-politika dwar l-investiment




għar-riżoluzzjoni huwa l-prijorità tal-SRB.Għalhekk, ser jibqa' jinżamm proporzjon għoli tal-ammonti miġbura bħala riżerva ta' flus kontanti.

- **Il-proċedura sabiex jintgħażel is-sieħeb tal-esternalizzazzjoni waslet biex titlesta.** Fl-2017 saret proċedura sabiex jintgħażel sieħeb tal-esternalizzazzjoni għas-servizzi ta' kustodja u ġestjoni tal-portafolli. Din il-proċedura ġiet iffinalizzata fil-Q1 2018. L-attivitajiet ta' ġestjoni tal-investiment (jiġifieri s-servizzi ta' kustodja u ġestjoni tal-portafolli) ser jiġu esternalizzati kemm jista' jkun. Id-deċiżjonijiet strateġiċi ser jibqgħu r-responsabbiltà tal-SRB, filwaqt li l-kompiti amministrattivi u tal-ġestjoni tal-portafolli ser jiġu esternalizzati. Il-monitoraġġ u l-ġestjoni tar-riskji huma integrali għall-passi kollha f'dan il-fluss tax-xogħol u huma inkorporati fihom kollha.L-SRB adotta qafas ta' governanza tar-riskju tul it-tliet linji tal-mudell ta' governanza tar-riskju tad-difiża.

- **Huwa previst mudell ta' esternalizzazzjoni b'diversi maniġers tal-portafolli u kustodju wieħed.** L-ikkuntrattar tal-maniġers tal-portafolli ser isir b'mod sekwenzjali, billi l-ewwel jingħata kuntratt lil maniġer tal-portafoll wieħed u mbagħad l-oħrajn jiżdiedu sussegwentement. Il-kompiti ta' investiment jistgħu jiġu esternalizzati biss lil korpi rregolati bil-liġi pubblika, lil banek tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ), lil istituzzjonijiet internazzjonali stabbiliti skont id-dritt internazzjonali pubbliku jew lil istituzzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni. L-SRB avviċina 22 istituzzjoni pubblika magħżula b'talba sabiex jipparteċipaw u vvaluta l-kapaċità u r-rieda tagħhom li jipprovdu servizzi ta' ġestjoni tal-portafolli lill-SRB. Minn dawk, intgħażlu f'lista mqassra erba' istituzzjonijiet ta' esternalizzazzjoni potenzjali u ġew mistiedna sabiex jitfgħu l-offerti tagħhom.Sal-aħħar tal-2017, il-finalizzazzjoni tal-kuntratt bdiet bl-istituzzjoni li kisbet l-ogħla punteġġ matul il-proċedura tal-offerti.

- **L-ammonti miżmuma fl-SRF inżammu f'kontijiet ta' flus kontanti.** Matul l-2017, id-depożiti ta' żmien fiss mal-banek ċentrali ma kinux jikkostitwixxu alternattiva finanzjarjament attraenti għall-kontijiet ta' flus kontanti, għalhekk, l-ammonti nżammu kompletament f'kontijiet tal-bank ċentrali soġġetti għar-rata ta' depożitu tal-Bank Ċentrali.



## 4.3. Finanzjament

L-SRF huwa responsabbli mill-operazzjonalizzazzjoni tal-użu tal-SRF billi jiżgura l-użu effiċjenti tas-sorsi ta' finanzjament disponibbli u l-mezzi ta' finanzjament alternattivi potenzjali meta l-ammonti miġbura permezz ta' kontribuzzjonijiet *ex ante* u kontribuzzjonijiet *ex post* straordinarji ma jkunux aċċessibbli minnufih jew ma jkunux ikopru l-ispejjeż imġarrba mill-użu tal-SRF fir-rigward tal-azzjonijiet ta' riżoluzzjoni.

### KISBIET EWLENIN FL-2017

- L-operazzjonalizzazzjoni tal-użu tal-SRF. Fl-2017, l-SRF intensifika l-ħidma tiegħu sabiex joperazzjonalizza l-użu tal-SRF billi ħejja l-passi neċessarji sabiex jintużaw l-istrumenti deskritti fl-Artikolu 76(1) tal-SRMR.

- Arranġament pubbliku dwar finanzjament tranżitorju. Fl-2017, l-SRB lesta l-proċess tal-iffirmar tal-LFAs mad-19-il SM parteċipanti. L-arranġamenti ta' LFA jkopru — bħala l-aħħar rimedju — in-nuqqasijiet ta' finanzjament temporanju għall-prefinanzjament tal-ġbir ta' kontribuzzjonijiet *ex post* għall-SRF sal-limitu tal-kompartiment nazzjonali tal-Istati Membri involuti fl-azzjoni ta' riżoluzzjoni.



# 5. L-SRB BĦALA ORGANIZZAZZJONI

Fl-2017, l-SRB ġedded l-impenn tiegħu li jkun organizzazzjoni moderna, kompetenti u professjonali bi proċessi effettivi u effiċjenti, li tappoġġja l-implimentazzjoni tal-mandat tal-SRB u l-prijoritajiet tiegħu.

## 5.1. Teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni

Fil-bidu tal-2017 twaqqaf Kumitat ta' Tmexxija tal-ICT bil-missjoni li jissorvelja l-attivitajiet tal-ICT u li japprova r-riżultati ewlenin tal-ICT. Fl-2017, il-funzjoni tal-ICT tal-SRB kienet strutturata fuq tliet oqsma differenti: L-operazzjonijiet tal-ICT, l-istrateġija u l-iżvilupp tal-ICT u s-sigurtà tal-ICT. Sar progress sinifikanti sabiex jinkiseb ambjent tal-ICT affidabbli, robust u sikur.

### KISBIET EWLENIN FL-2017

- Matul l-2017, l-enfasi tat-tim tal-operazzjonijiet tal-ICT inbidlet mill-modalità tal-istruttura inizjali lejn mudell aktar operattiv. L-attivitajiet ewlenin tiegħu kienu jikkonsistu f'taħlita ta' ġestjoni tal-infrastruttura operazzjonali, implimentazzjoni ta' proġetti ġodda importanti (bħas-CCS u l-LDT) u, finalment, tisħiħ tal-infrastruttura għaż-żieda enormi ta' membri tal-persunal. Matul il-Q4 2017, it-tim beda l-attivitajiet neċessarji sabiex iniedi ċentru tad-data għall-irkupru minn diżastri, li ser jibda jopera mill-Q4 2018.
- Fi ħdan il-qasam tal-istrateġija u l-iżvilupp tal-ICT, il-governanza tal-ICT u l-istrateġija tal-ICT ġew żviluppati kompletament sa nofs l-2017.
- L-SRB beda wkoll kollaborazzjoni produttiva mal-Bank Ċentrali sabiex jiżviluppa sistema għall-awtomazzjoni tal-proċessi ewlenin ta' ppjanar tar-riżoluzzjoni msejħa l-proġett tas-Sistema ta' Ġestjoni tal-Informazzjoni dwar ir-Riżoluzzjoni. Dan il-proġett daħal f'fażi pilota f'Mejju 2018 u ser ikun operattiv għal kollox sal-aħħar tal-2018. Bl-istess mod, f'Novembru 2017 bdiet kollaborazzjoni mal-EBA sabiex jiġi identifikat kif jista' jiġi ottimizzat il-ġbir tad-data finanzjarja fi ħdan l-SRM.
- F'Novembru 2017, tnediet sistema għall-ġestjoni elettronika tar-rekords u tad-dokumenti. Is-sistema ser tiġi ffinalizzata fil-Q4 2018.
- F'Diċembru 2017 ġiet żviluppata sistema temporanja sabiex tkopri l-ġbir tal-kontribuzzjonijiet amministrattivi tal-SRB sabiex tkopri l-ġbir ta' kontribuzzjnijiet fl-2018.
- F'termini tas-sigurtà tal-ICT, matul l-2017 inħolqu u ġew promossi b'mod intensiv fost il-membri tal-persunal il-politiki kollha dwar is-sigurtà tal-ICT li jiżguraw il-kunfidenzjalità, l-integrità u d-disponibbiltà tal-informazzjoni ġestita permezz tas-sistemi tal-ICT tal-SRB.

## 5.2. Komunikazzjoni

L-SRB huwa impenjat li jipprovdi servizzi ta' relazzjonijiet pubbliċi informati, affidabbli u trasparenti bbażati fuq l-aħjar prattika u fehim reali tal-kwistjonijiet li jaffettwaw l-SRB u l-partijiet ikkonċernati tiegħu permezz tal-Unità tal-Komunikazzjoni tiegħu. L-eżiti prodotti mill-Unità tal-Komunikazzjoni jikkontribwixxu direttament u b'mod pożittiv għall-kisba tal-objettivi ġenerali tal-SRB stabbiliti fid-dikjarazzjoni tal-missjoni tiegħu.

### KISBIET EWLENIN FL-2017

- It-tixrid tal-messaġġi ewlenin tal-SRB lill-partijiet ikkonċernati permezz tal-organizzazzjoni tat-tieni konferenza tal-SRB, 'Nibnu r-riżolvibbiltà tal-banek flimkien', li saret f'Settembru 2017 ma' varjetà ta' partijiet ikkonċernati u permezz tal-appoġġ lill-Membri tal-Bord u lill-Kapijiet tal-Unitajiet f'avvenimenti esterni.
- L-organizzazzjoni tat-tieni kolazzjon għall-istampa tal-SRB u konferenza stampa f'Jannar 2017.
- Fl-2017, is-sit web tal-SRB irċieva disinn ġdid li jgħaqqad il-politiki tal-SRB, is-suġġetti tar-riżoluzzjoni speċjalizzata, inklużi l-ewwel deċiżjoni(jiet) ta' riżoluzzjoni u, b'hekk, jirriflettu l-ħidma kontinwa tal-SRB.
- Il-pubblikazzjonijiet tal-SRB fl-2017 kienu jinkludu r-Rapport Annwali tal-SRB għall-2016, il-Programm ta' Ħidma tal-SRB għall-2017, il-Programm ta' Ħidma Pluriennali għall-2018 u d-dokument dwar il-politika tal-SRB dwar l-MREL tal-2017.
- It-tisħiħ ulterjuri tal-komunikazzjoni interna u interistituzzjonali kemm matul il-proċessi regolari kif ukoll f'sitwazzjonijiet ta' kriżi.

## 5.3. Il-ġestjoni tar-riżorsi

### 5.3.1. Riżorsi umani

Minn perspettiva ta' riżorsi umani (HR), ir-reklutaġġ ta' membri tal-persunal bi kwalifiki għoljin sabiex jipprovdu bażi solida għall-organizzazzjoni l-ġdida baqa' fil-qalba tal-attivitajiet tal-HR fl-2017. Id-dipartiment tal-HR kompla bl-isforzi tiegħu sabiex jagħmel progress fir-reklutaġġ u l-integrazzjoni tal-membri tal-persunal ġodda fl-oqsma operattivi u ta' appoġġ.

Il-ħidma fuq it-tlestija tal-qafas legali u tal-provvista ta' servizzi (eż. l-amministrazzjoni, it-taħlim u l-iżvilupp tal-karriera) tal-HR tal-SRB għamlet progress, bil-għan li jiġi żgurat appoġġ adegwat għal organizzazzjoni żgħażugħa u li qed tikber malajr.

### KISBIET EWLENIN FL-2017

- **Persunal.** l-SRB kompla jiżviluppa, jadotta u jimplimenta politiki u sistemi tal-HR, u għamel reklutaġġ intensiv sabiex ikopri l-ħtiġijiet tal-persunal tiegħu fuq perjodu ta' żmien minn medju sa twil, sabiex l-organizzazzjoni tkun tista' twettaq il-mandat tagħha b'mod effiċjenti u timplimenta r-rakkomandazzjonijiet tar-rapport tal-2017 mill-Qorti tal-Awdituri.

- **Reklutaġġ intensiv.** l-SRB kompla jirrekluta mil-listi ta' riżerva eżistenti u ffinalizza 19-il għażla ġdida għal aġenti temporanji fl-2017, li fil-biċċa l-kbira tagħhom ikopru l-ħtiġijiet kemm fl-oqsma operattivi kif ukoll f'dawk orizzontali. Dawn l-attivitajiet ta' reklutaġġ intensiv ippermettew lill-SRB jilqa' 113-il impjegat ġdid fl-2017. Minbarra l-Membri tal-Bord, il-livell tal-persunal tal-SRB kien jammonta għal 255 kariga (żieda ta' 55 % meta mqabbel mal-2016) ([28]). Kien hemm 7 membri tal-persunal li ħallew is-servizz. Ir-rata ta' dawran tal-impjegati għas-sena kienet tammonta għal 2 %.
- **Il-politiki tal-HR.** Fl-2017, l-SRB kompla jiffinalizza l-qafas legali fil-qasam tal-HR billi adotta r-regoli ta' implimentazzjoni dwar il-prevenzjoni tal-fastidju fuq il-post tax-xogħol. Minbarra dawn, ġew żviluppati politiki tal-HR speċifiċi li jirriflettu l-ħtiġijiet tal-SRB, jiġifieri t-tul tal-kuntratt u l-politiki ta' tiġdid, kif ukoll il-politika dwar il-mobbiltà interna.Barra minn hekk, ġiet adottata l-istrateġija ta' tagħlim u żvilupp, li tkopri l-ħiliet tekniċi, ġenerali, tal-IT u lingwistiċi, bil-għan li jiġu koperti l-ħtiġijiet ta' żvilupp u taħriġ inizjali tal-persunal tal-SRB.

## 5.3.2. Il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja

Din it-taqsima tkopri l-attivitajiet relatati mal-ġestjoni finanzjarja ġenerali tal-SRB u mal-ippjanar u r-rapportar finanzjarju tiegħu. Hija tkopri wkoll is-superviżjoni u s-salvagwardja tal-operazzjonijiet tal-implimentazzjoni baġitarja korretta, kif ukoll l-operazzjonijiet tal-kontabbiltà u tat-teżor. Barra minn hekk, it-tim tal-finanzi u tal-akkwisti jiġġestixxi u jagħti pariri dwar it-tħejjija, il-bidu, ir-rapportar u l-pubblikazzjoni tal-azzjonijiet ta' akkwist tal-SRB.

Min-naħa tad-dħul, l-ammont ta' EUR 99 738 000 kien rikonoxxut bħala introjtu sal-livell tal-ispejjeż tal-2017.

Min-naħa tan-nefqa, skont it-tabella tal-implimentazzjoni baġitarja, ġew attribwiti aktar minn EUR 39 miljun għall-persunal, madwar EUR 13-il miljun għal spejjeż amministrattivi oħrajn (kera, appoġġ tal-ICT, eċċ.) u kważi EUR 47 miljun għall-ispejjeż operatorji (ara l-Anness 3).

### INTROJTU

F'konformità mal-SRMR, l-SRB huwa ffinanzjat permezz ta' kontribuzzjonijiet mill-entitajiet taħt il-mandat tiegħu.

Il-kontribuzzjonijiet għall-baġit amministrattiv tal-SRB għall-2017 kienu rregolati mir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1310/2014 dwar is-sistema provviżorja ta' kontribuzzjonijiet.

Fit-8 ta' Jannar 2018, daħal fis-seħħ ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2361/2017 tal-14 ta' Settembru 2017 dwar is-sistema finali ta' kontribuzzjonijiet għall-infiq amministrattiv tal-SRB. Dan ir-regolament delegat jissostitwixxi s-sistema provviżorja.

Skont is-sistema finali, l-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha stabbiliti fl-Unjoni Bankarja jridu jikkontribwixxu għan-nefqa amministrattiva tal-SRB. Dan japplika wkoll għall-impriżi prinċipali kollha (inklużi l-kumpaniji azzjonarji finanzjarji u l-kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħalltin), għad-ditti ta' investiment u għall-istituzzjonijiet finanzjarji li huma koperti mis-superviżjoni kkonsolidata tal-Bank Ċentrali Ewropew.

Fl-2017, l-SRB ġabar b'suċċess kontribuzzjonijiet amministrattivi li jammontaw għal EUR 83 004 442.12.

([28]) Għal aktar dettalji dwar il-karigi ppjanati/approvati kontra dawk attwali għall-2016 u l-2017, jekk jogħġbok ara l-Anness 3.



### NEFQA

In-nefqa baġitarja tinkludi l-pagamenti magħmula matul is-sena, kif ukoll ir-riport ta' approprjazzjonijiet baġitarji. Il-paragrafi li ġejjin jiġbru fil-qosor l-implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet skont it-titolu. Fl-Anness 3 jingħata tqassim aktar dettaljat.

L-SRB stabbilixxa 304 impenji baġitarji li jammontaw għal total ta' EUR 70 625 897.28 fil-PARTI I u EUR 55 306 079.84 fil-PARTI II, u pproċessa 2 221 pagament li jammontaw għal total ta' EUR 42 238 195.05 fil-PARTI I ([29]) u EUR 50 021 383.63 fil-PARTI II ([30]). Mill-approprjazzjonijiet ta' pagament riportati, ġew ipproċessati 343 pagament, li jammontaw għal EUR 7 840 901.58. Ir-rata ta' implimentazzjoni tal-baġit hija ta' 70.81 % għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u 42.35 % għall-approprjazzjonijiet ta' pagament. L-ammont riportat għall-2018 huwa ta' EUR 28 387 702.23 u r-rata ta' riport hija ta' 40.19 % tal-approprjazzjonijiet impenjati. Mill-ammont totali riportat għall-2018, madwar EUR 21 700 000 huma relatati mal-kontinġenzi tal-SRB.

#### TITOLU 1: NEFQA GĦALL-PERSUNAL

Il-baġit adottat għat-Titolu 1 fl-2017 kien ta' EUR 39 546 000, li minnhom ġew impenjati EUR 27 034 478 . L-ammont finali ta' approprjazzjonijiet ta' pagament użati kien ta' EUR 25 928 493.58, li jikkorrispondi għal rata ta' implimentazzjoni ta' 65.57 %.

Ir-raġunijiet ewlenin wara l-implimentazzjoni baxxa tal-baġit huma l-implimentazzjoni parzjali tal-pjan ta' reklutaġġ, id-dħul fis-sistema tal-ipproċessar tal-pagi ta' diversi impjegati ġodda aktar tard milli ppjanat u l-ispejjeż imnaqqsin li huma anċillari għall-għadd ta' persunal, il-konċessjonijiet, it-taħriġ, l-ispejjeż mediċi, l-iskejjel u l-iskejjel preprimarji (crèches).

#### TITOLU 2: NEFQA GĦALL-INFRASTRUTTURA

Il-baġit adottat għat-Titolu 2 fl-2017 kien ta' EUR 13 397 000. Matul is-sena, ġie impenjat l-ammont ta' EUR 10 917 737.89, li jikkorrispondi għal rata ta' implimentazzjoni ta' 81.49 %. L-ammont finali tal-approprjazzjonijiet ta' pagament użati kien ta' EUR 7 959 271.14, li jikkorrispondi għal rata ta' implimentazzjoni ta' 59.41 %.

L-oqsma ta' nfiq ewlenin kienu l-infrastruttura tal-IT u l-kiri, is-sigurtà u l-manutenzjoni tal-bini.

([29]) Għal aktar dettalji dwar il-kategoriji ewlenin ta' nfiq, jekk jogħġbok ara l-Anness 3.

([30]) L-ammont impenjat għar-rati tal-imgħax negattivi kien ta' EUR 55 301 638.04 u EUR 4 441.80 għat-tariffi u l-imposti bankarji. Il-pagamenti kienu jammontaw għal total ta' EUR 50 017 635.23 għar-rati tal-imgħax negattivi u EUR 3 748.40 għat-tariffi u l-imposti bankarji.



**TITOLU 3: NEFQA OPERAZZJONALI**

It-Titolu 3 huwa esklussivament għan-nefqa operazzjonali relatata mal-implimentazzjoni tal-SRMR. Il-baġit adottat għall-2017 kien ta' EUR 46 795 000.

Matul is-sena, ġie impenjat l-ammont ta' EUR 32 673 680.82, li jikkorrispondi għal rata ta' implimentazzjoni ta' 69.82 %. L-ammont finali ta' approprjazzjonijiet ta' pagament użati kien ta' EUR 8 350 430.33, li jikkorrispondi għal rata ta' implimentazzjoni ta' 17.84 %.

L-oqsma ta' nfiq ewlenin jirrigwardaw l-istudji u l-konsulenza (eż. kontinġenzi tal-SRB) għall-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma tal-SRB, segwiti mill-iżvilupp u l-manutenzjoni tal-ICT, b'mod partikolari sabiex jiġu appoġġjati l-ippjanar tar-riżoluzzjoni, l-attivitajiet tad-deċiżjonijiet u l-amministrazzjoni tal-SRF.

### EŻITU TAL-BAĠIT

L-eżitu tal-baġit ([31]) huwa ta' EUR 30 371 897.59 u ser jiddaħħal fil-baġit abbażi tal-approvazzjoni mis-Sessjoni Plenarja f'Settembru 2018.

### KISBIET EWLENIN FL-2017

- L-emendar tal-baġit. Il-baġit ġie emendat darbtejn fl-2017 bil-għan li jiġu ddedikati EUR 9 miljun fil-linja baġitarja ta' kontinġenza (3031) u mbagħad il-bilanċ pożittiv tal-baġit akkumulat tal-2016, li kien ta' EUR 12 767 564.35.
- Il-fatturar u l-ġbir b'suċċess tal-kontribuzzjonijiet amministrattivi u *ex ante* tal-2017 għall-SRF.
- L-għeluq korrett tal-kontijiet tal-2017.
- Ġestjoni prudenti tal-baġit u tal-likwidità.
- L-istabbiliment ta' proċeduri għall-ġbir ta' kontribuzzjonijiet amministrattivi skont ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni finali (UE) 2361/2017.

## 5.3.3. Kontijiet finali tal-2017

Il-kontijiet finali tal-2017 jirriflettu l-pożizzjoni finanzjarja tal-SRB fil-31 ta' Diċembru 2017, ir-riżultati tal-operazzjonijiet tiegħu, il-flussi tal-flus tiegħu u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li ntemmet dakinhar, f'konformità mar-regolament finanzjarju tiegħu u mar-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni. Għalhekk, fi tmiem iċ-ċiklu tal-2017 tal-ġbir ta' kontribuzzjonijiet *ex ante* u IPCs mill-SRF, kien hemm żieda sinifikanti fl-assi/obbligazzjonijiet totali minn EUR 10.83 biljun għal EUR 17.46 biljun.

Il-kontribuzzjonijiet *ex ante* għall-SRF miġbura fl-2017 wasslu għal dħul ta' EUR 5.96 biljun. Wara tnaqqis tan-nefqa eliġibbli assoċjata sabiex dawn il-fondi jinżammu fil-kontijiet tal-banek ċentrali nazzjonali, ir-riżultat finanzjarju tas-sena 2017 kien ta' EUR 5.91 biljun, li żied l-assi netti tal-SRB għal EUR 15.35 biljun. L-assi netti mill-attivitajiet tal-SRF huma mistennija li jakkumulaw matul iż-żmien u jirrappreżentaw ir-riżorsi fdati lill-SRB li għandhom jiġu salvagwardjati u jintużaw fejn ikun meħtieġ sabiex jiġu żgurati l-applikazzjoni effiċjenti tal-għodod ta' riżoluzzjoni u l-eżerċizzju tas-setgħat ta' riżoluzzjoni mogħtija lill-SRB mill-SRMR.

Min-naħa amministrattiva tal-kontijiet finali tal-2017, l-SRB iffattura u ġabar mill-istituzzjonijiet bankarji EUR 83 miljun u ddeċieda wkoll li jagħmel użu minn fondi mhux minfuqa akkumulati f'perjodi finanzjarji preċedenti li jammontaw għal EUR 16.73 miljun. Bil-għan li jiġu bbilanċjati l-ispejjeż operatorji u amministrattivi tas-sena, id-dħul mill-kontribuzzjonijiet amministrattivi rikonoxxuti fl-2017 kien ta' EUR 53.89 miljun. Għalhekk, ma hemmx assi netti li jirriżultaw mill-attivitajiet amministrattivi tal-SRB.

Min-nefqa amministrattiva, 45 % mill-ispejjeż tal-SRB kienu marbuta mal-persunal, filwaqt li 20 % kienu relatati ma' spejjeż amministrattivi oħrajn (il-kera, l-appoġġ tal-IT u servizzi oħrajn mhux tal-IT).

L-ispejjeż operazzjonali rreġistraw żieda importanti, tant li laħqu 30 % sal-aħħar tas-sena, filwaqt li fl-2016 kienu jirrappreżentaw 10 % biss tal-kostijiet totali. Din il-varjazzjoni tista' tiġi spjegata miż-żieda qawwija tal-ispejjeż tal-litigazzjoni, kif ukoll tal-ispejjeż marbuta mal-istudji u l-konsulenza (bħal valwazzjoni finanzjarja) fir-rigward tal-banek potenzjali f'riżoluzzjoni.

L-IPCs li jammontaw għal EUR 2.03 biljun, li fil-kuntest tal-finanzjament *ex ante* għall-SRF jirrappreżentaw alternattiva għall-ħlasijiet fi flus, ġew ippreżentati fir-rapporti finanzarji tal-SRB kif ġej:

- assi kontinġenti għall-obbligu tal-ħlas skont l-IPCs;
- flus kontanti miżmuma f'bank (f'kont bankarju distint) kontra obbligazzjoni fit-tul (it-tnejn marbutin mal-kollateral fi flus kontanti li jsostni l-impenn skont l-IPC).

Ir-'Rapport tal-pożizzjoni finanzjarja' fil-31 ta' Diċembru 2017 u r-'Rapport tal-introjtu' għall-2017 jistgħu jinstabu fl-Anness 6.

Ir-rapporti finanzjarji tal-SRB tal-2017 ser ikunu disponibbli fuq is-sit web tal-SRB fit-tielet trimestru tal-2018.



([31]) Id-dettalji tal-eżitu tal-baġit/tar-riżultat tal-baġit jistgħu jinstabu fil-kontijiet finali tal-2017, li ser ikunu disponibbli fuq is-sit web tal-SRB fit-tielet trimestru tal-2018.

### 5.3.4. Akkwisti

Il-pjan tal-akkwisti annwali għas-sena 2017 tħejja f'konformità mar-regolament finanzjarju applikabbli għall-akkwist ġenerali tal-UE. Il-perjodu tar-rapportar ta' dan l-'iskrinjar' tal-akkwisti ([32]) huwa mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2017. L-iskrinjar proprju tas-settur tal-akkwisti tal-SRB imwettaq fl-2017 ikkonferma l-importanza tal-politika tal-SRB sabiex tkompli l-konċentrazzjoni fuq l-attivitajiet operazzjonali fl-oqsma ta' politika ta' prijorità, bil-għan li jinkiseb titjib fl-effiċjenza. Matul l-2017, l-SRB akkwista b'suċċess is-servizzi u l-oġġetti kollha meħtieġa, kif mitlub mill-unitajiet differenti. Preżentazzjoni analitika tal-proċeduri ta' akkwist fl-2017 tista' tinstab fl-Anness 7.

**KISBIET EWLENIN FL-2017**

- Twettqet verifika tal-inizjazzjoni u *ex ante* dwar l-impenji legali kollha. Inħolqu madwar 250 fajl u dawn ġew ivverifikati mill-akkwist u tħejjew u tnedew 51 proċedura ta' akkwist bi prezz baxx, valur medju u nnegozjati b'mod speċjali. Saru wkoll 21 sejħa mill-ġdid tal-kompetizzjoni skont il-kuntratt qafas għall-għoti ta' pariri dwar il-valwazzjoni ekonomika u finanzjarja u pariri legali, u l-SRB għamel użu estensiv mill-kuntratti qafas tal-Kummissjoni.
- Barra minn hekk, ġew iffirmati bosta MtQ, ftehimiet fil-livell ta' servizz u CoAgs, li tħejjew mit-tim tal-akkwisti, mal-Kummissjoni u ma' entitajiet pubbliċi oħrajn.
- Barra minn hekk, l-unitajiet tan-negozju talbu li tiġi mnedija offerta miftuħa għall-għoti ta' pariri legali fl-2017 u saru sforzi sostanzjali fl-eżekuzzjoni tal-proċedura għal servizzi ta' kustodja u ġestjoni tal-portafolli.

### 5.3.5. Faċilitajiet

L-objettiv ewlieni tal-Unità tal-Faċilitajiet huwa li tipprovdi appoġġ proattiv lill-SRB billi tiżgura t-tħaddim bla xkiel tal-faċilitajiet tiegħu u l-akkwiżizzjoni ta' oġġetti u servizzi, f'konformità mar-regoli u l-proċeduri tal-akkwist pubbliku tal-UE, kif ukoll billi tiżgura s-sikurezza u s-sigurtà tal-persunal tal-SRB u tal-viżitaturi.

**KISBIET EWLENIN FL-2017**

- L-Unità tal-Faċilitajiet ikkonkludiet rinnovazzjoni maġġuri u ċċaqilqet internament sabiex tiffaċilita t-tkabbir mgħaġġel tad-direttorati tal-SRB.
- Iddaħħlu fis-seħħ għadd kbir ta' servizzi sabiex itejbu l-ambjent tax-xogħol, bħal funtani tal-ilma, għamara addizzjonali, il-kafetterija tal-SRB u "coffee corners" mgħammra għall-persunal.
- L-Unità tal-Faċilitajiet kisbet relazzjoni tax-xogħol aktar b'saħħitha mal-Kummissjoni, li qed tagħmel ħilitha sabiex ittejjeb is-sikurezza u s-sigurtà tal-persunal tal-SRB u tal-viżitaturi esterni.

([32]) Identifikazzjoni tal-ħtiġijiet fi ħdan l-SRB.



## 5.4. Governanza

### 5.4.1. Pariri legali interni u litigazzjoni

Il-kompiti tas-Servizz Legali tal-SRB jistgħu jinqasmu f'żewġ oqsma ewlenin: (i) l-għoti ta' pariri legali interni; u (ii) l-indirizzar tal-proċedimenti ta' litigazzjoni. Il-kompiti ewlenin imwettqa fl-2017 huma deskritti hawn taħt.

**ŻVILUPPI EWLENIN FL-2017**

- Fl-2017, is-Servizz Legali tal-SRB ipprovda pariri legali interni dwar l-attivitajiet ta' ppjanar tar-riżoluzzjoni, kwistjonijiet relatati mar-riżoluzzjoni u, b'mod partikolari, każijiet ta' riżoluzzjoni; kwistjonijiet rigward l-SRF u diversi kompiti ta' appoġġ f'oqsma bħall-akkwist, il-finanzi u l-HR u inizjattivi leġiżlattivi oħrajn.
- Fl-2017, tressqu 99 azzjoni legali dwar ir-riżoluzzjoni ta' Banco Popular minn eks azzjonisti u kredituri tal-bank quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Tnejn minnhom diġà ġew iddikjarati inammissibbli mill-Qorti.
- Fl-2017, tressqu sitt azzjonijiet legali ġodda dwar il-kontribuzzjonijiet *ex ante* tal-2016 u tal-2017 kontra l-SRB u dawn għadhom pendenti. Fir-rigward tal-proċedimenti ta' litigazzjoni li jikkonċernaw il-kontribuzzjonijiet *ex ante* tal-2016 mibdija quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fl-2016, wieħed minnhom ġie rtirat u ieħor (talba għal miżuri interim) ġie miċħud. Il-bqija tal-azzjonijiet legali mibdija fl-2016 għadhom pendenti.

### 5.4.2. Segretarjat Korporattiv

Is-Segretarjat Korporattiv (CS) jappoġġja lill-Bord fit-twettiq tal-kompiti tiegħu. Dan jinkludi, iżda mhuwiex limitat għal, l-għoti ta' appoġġ lill-SRB fl-identifikazzjoni ta' kwistjonijiet li jeħtieġu l-attenzjoni ta' korpi li jieħdu d-deċiżjonijiet u l-organizzazzjoni tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet, inklużi l-puntwalità u l-preċiżjoni tiegħu, sabiex b'hekk id-deċiżjonijiet ikunu validi u legalment vinkolanti.

Il-Bord jopera u jieħu d-deċiżjonijiet f'żewġ kompożizzjonijiet differenti: is-Sessjonijiet Eżekuttivi u s-Sessjonijiet Plenarji b'kompiti separati u kompetenzi esklussivi. Is-Sessjonijiet Plenarji jsiru bejn wieħed u ieħor sitt darbiet fis-sena u s-Sessjonijiet Eżekuttivi jsiru fuq bażi ta' kull xahar. L-SRMR jipprevedi l-parteċipazzjoni tal-NRAs rilevanti fid-deliberazzjonijiet tas-Sessjonijiet Eżekuttivi, meta jiddeliberaw dwar entità, grupp ta' entitajiet jew grupp transkonfinali stabbilit fl-Istati Membri parteċipanti tagħhom.

**KISBIET EWLENIN FL-2017**

- Is-CS ikkoordina ħames Sessjonijiet Plenarji, flimkien ma' Sessjoni Plenarja waħda addizzjonali b'enfasi partikolari fuq il-baġit u l-programm ta' ħidma. Barra minn hekk, saret konferenza bit-telefon dwar il-programm ta' ħidma pluriennali u saru żewġ konferenzi bit-telefon dwar l-MREL.
- Ġew organizzati 12-il Sessjoni Eżekuttiva, flimkien ma' wieħed u għoxrin Sessjoni Eżekuttiva Estiża ddedikati għall-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet b'rabta mal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni għall-2017, kif ukoll sessjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi.
- Fl-2017 tnedew 85 proċedura bil-miktub; ħafna minn dawn il-proċeduri bil-miktub issostitwixxew il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet f'laqgħat fiżiċi.

- Barra minn hekk, is-CS kien involut fir-riżoluzzjoni ta' Banco Popular u saħħaħ il-proċeduri interni ulterjuri sabiex jirfina l-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet, kif ukoll indirizza l-kwistjonijiet ta' governanza fl-ippjanar ta' u l-għoti ta' pariri dwar iċ-ċiklu ta' ppjanar tar-riżoluzzjoni għall-2017.

### 5.4.3. Konformità

L-SRB għadda minn titjib strutturali sinifikanti fl-2017, inklużi r-reklutaġġ ta' membri tal-persunal ikkwalifikati, il-ħolqien ta' unitajiet ġodda u l-iżvilupp ta' prattiki kummerċjali ġodda. F'dan il-kuntest, it-Tim tal-Konformità kompla bl-attivitajiet regolari tiegħu, fost l-oħrajn, billi pprovda pariri dwar kwistjonijiet etiċi, u ssorvelja u ġġestixxa l-obbligi ta' rapportar tal-membri tal-persunal.

**KISBIET EWLENIN FL-2017**

- Il-preżentazzjoni tar-Rapport Annwali tal-Konformità għall-2017 lis-Sessjonijiet Plenarji u Eżekuttivi. Dan ġie magħmul disponibbli wkoll fl-ispazju ta' konformità fuq l-intranet tal-SRB.
- L-għoti kontinwu ta' pariri u informazzjoni, kif ukoll sensibilizzazzjoni dwar kwistjonijiet relatati mal-konformità fost il-membri tal-persunal kollha, iżda b'mod partikolari dawk ġodda, fil-forma ta' taħriġ u kampanji ta' sensibilizzazzjoni.
- It-tħejjija għall-adozzjoni ta' diversi politiki ta' konformità u linji gwida ġodda tal-SRB dwar suġġetti ewlenin li jimplimentaw il-kodiċi tal-etika, li huma disponibbli għall-membri tal-persunal kollha tal-SRB fl-ispazju ta' konformità dwar l-intranet tal-SRB.

### 5.4.4. Awditjar Intern

F'konformità mal-karta tal-awditjar intern, l-Awditjar Intern jipprovdi assigurazzjoni, pariri u għarfien oġġettivi u bbażati fuq ir-riskji. Permezz tar-rapporti u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu, l-Awditjar Intern jgħin lill-SRB jilħaq l-objettivi tiegħu billi jġib approċċ sistematiku u dixxiplinat għall-evalwazzjoni u t-titjib tal-effettività tal-proċessi ta' ġestjoni, kontroll u governanza tar-riskji.

**KISBIET EWLENIN FL-2017**

Fl-ewwel sena sħiħa ta' awditjar, l-Awditjar Intern wettaq:

- awditi ta' assigurazzjoni fuq l-akkwisti u l-kontribuzzjonijiet *ex ante* għall-SRF;
- impenn ta' konsultazzjoni dwar il-governanza tal-ICT; u
- valutazzjoni tar-riskju fuq il-ġestjoni tad-dokumenti.

Ir-rakkomandazzjonijiet li rriżultaw ġew ittrasformati fi pjanijiet ta' azzjoni.

Barra minn hekk, l-Awditjar Intern impjega t-tieni membru tal-persunal sabiex isaħħaħ it-tim.



### 5.4.5. Awditjar Estern

Il-Qorti tal-Awdituri tirrapporta dwar il-kontijiet annwali tal-SRB kull sena finanzjarja, li tinkludi l-produzzjoni ta' dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti. Fl-2017, il-Qorti tal-Awdituri ppubblikat ir-rapport tal-awditjar tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-SRB għas-sena finanzjarja tal-2016. Is-sejbiet ikkonċentraw fuq suġġetti bħal:

1. il-validazzjoni tas-sistema ta' kontabbiltà tal-SRB;
2. ir-rata ta' implimentazzjoni tal-baġit;
3. ir-riporti tal-approprjazzjonijiet impenjati (fit-Titoli II u III);
4. il-forniment tal-ispejjeż legali fil-baġit u fil-programm ta' ħidma annwali;
5. l-impatt tal-imgħax negattiv għall-ammont ta' kontribuzzjonijiet għar-riżoluzzjonijiet futuri;
6. il-proċeduri tar-reklutaġġ.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Awdituri tista' twettaq awditi tal-prestazzjoni li jirriżultaw f'rapporti speċjali. Fl-2017, il-Qorti tal-Awdituri ppubblikat rapport ta' awditu tal-prestazzjoni dwar l-SRB b'enfasi fuq l-istruttura u t-tħejjija għall-ġestjoni ta' riżoluzzjoni bankarja, li hija spjegata aktar fil-Kapitolu 7.

Fl-2017, il-Qorti tal-Awdituri ppubblikat ukoll rapport speċjali dwar l-obbligazzjonijiet kontinġenti ([33]) b'rakkomandazzjonijiet dwar it-twaqqif ta' gwida tal-kontabbiltà dwar l-obbligazzjonijiet kontinġenti u l-introduzzjoni ta' proċess/sistema tal-IT għar-reġistrazzjoni u l-monitoraġġ ta' kull tip ta' obbligazzjoni kontinġenti, inklużi dawk tal-NRAs. Minħabba li r-rapport ġie ppubblikat fil-21 ta' Diċembru 2017, l-azzjonijiet kollha għall-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet kienu ppjanati għall-2018 (gwida tal-kontabbiltà) u għall-2019 (proċess/sistema tal-IT).

([33]) Rapport tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri *skont l-Artikolu 92 (4) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 dwar kwalunkwe obbligu kontinġenti (kemm jekk għall-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, għall-Kunsill, għall-Kummissjoni jew oħrajn) li jinħoloq bħala riżultat tat-twettiq tal-kompiti tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni skont dan ir-Regolament għas-sena finanzjarja 2016*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2017 (https://www.eca.europa.eu/Lists/ECADocuments/SRB_2016_contingent_liabilities/SRB_2016_contingent_liabilities_MT.pdf).



Barra minn hekk, il-kontijiet annwali jiġu awditjati minn awditu estern indipendenti. Fl-2017, l-awditur estern ippubblika r-rapport tal-awditjar tiegħu dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali finali tal-SRB għall-2016.

Is-sejbiet iffokaw fuq:

1. id-dokumentazzjoni tal-proċeduri finanzjarji;
2. il-kisba ta' assigurazzjoni dwar il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* tal-fond;
3. ir-rapportar finanzjarju uniformi dwar l-obbligazzjonijiet kontinġenti mill-NRAs.

### 5.4.6. Standards ta' kontroll intern

Il-qafas ta' kontroll intern tal-SRB ġie adottat mis-Sessjoni Eżekuttiva tal-Bord fit-23 ta' Diċembru 2016. L-istandards ta' kontroll intern (ICS) jispeċifikaw l-aspettattivi u r-rekwiżiti għall-bini ta' sistema effettiva ta' kontrolli interni li jipprovdu assigurazzjoni raġonevoli fuq il-kisba tal-objettivi tal-SRB. Dawn l-istandards ta' kontroll ġew żviluppati tul il-linji tal-ICS tal-Kummissjoni, li huma bbażati fuq l-istandards internazzjonali tal-Kumitat tal-Organizzazzjonijiet li Jisponsorjaw. L-istandards ikopru l-oqsma tal-missjoni u l-valuri, l-HR, il-proċessi tal-ippjanar u tal-ġestjoni tar-riskji, l-operazzjonijiet u l-attivitajiet ta' kontroll, l-informazzjoni u r-rapportar finanzjarju u l-evalwazzjoni u l-awditjar. Kull standard huwa magħmul minn għadd ta' rekwiżiti li jridu jiġu ssodisfati. Minħabba d-daqs li qed jikber malajr tal-organizzazzjoni, huwa mmirat titjib kontinwu tal-qafas.

#### KISBIET EWLENIN FL-2017

- F'Ottubru 2017, l-Uffiċjal tal-Kontroll Intern wettaq eżerċizzju ta' inventarju bil-għan li jivverifika l-istatus ta' implimentazzjoni ta' kull ICS fl-SRB. Il-qafas ikopri 16-il ICS li huma indispensabbli bil-għan li jiġi definit il-qafas ta' kontroll intern, titrawwem responsabbiltà ċara tal-maniġment u tiġi żgurata s-sorveljanza tas-sistema ta' kontroll intern mill-Bord.



# 6. BORD TAL-APPELLI

Il-Bord tal-Appelli tal-SRB jopera skont l-Artikolu 85 tal-SRMR b'kompetenza sabiex jiddeċiedi dwar l-appelli sottomessi kontra deċiżjonijiet meħuda mill-SRB f'ċerti materji, kif speċifikat ulterjorment fil-katalogu tal-Artikolu 85(3) tal-SRMR (fost l-oħrajn, kontribuzzjonijiet amministrattivi, deċiżjonijiet relatati mal-aċċess għad-dokumenti jew deċiżjonijiet dwar l-MREL). Il-Bord tal-Appelli huwa magħmul minn ħames membri u żewġ supplenti.

Is-Segretarjat tal-Bord tal-Appelli huwa separat mill-organizzazzjoni u indipendenti mill-funzjonijiet l-oħrajn tal-SRB, u fl-2017 kien jikkonsisti f'żewġ membri u assistent wieħed (kull wieħed fuq bażi part-time). Is-Segretarjat jappoġġja lill-Bord tal-Appelli fil-komunikazzjoni tiegħu mal-appellanti, l-aċċess għall-fajls, l-applikazzjoni tal-ordnijiet proċedurali tal-Bord tal-Appelli, it-traduzzjonijiet u t-trażmissjoni u l-kustodja tad-dokumenti, kif ukoll il-kwistjonijiet organizzazzjonali tal-Bord tal-Appelli b'mod ġenerali u tal-President u tar-Rapporteur(s) b'mod partikolari.

#### ŻVILUPPI EWLENIN FL-2017

- Wara r-riżoluzzjoni ta' Banco Popular, ġew sottomessi 74 appell dwar ir-riżoluzzjoni lill-Bord tal-Appelli. Minn dawn l-74 appell, 61 diġà ġew deċiżi mill-Bord tal-Appelli (54 appell ġew iddikjarati inammissibbli), filwaqt li 13 minn dawn l-74 appell għadhom pendenti. Diversi minn dawn l-appelli huma kontra deċiżjonijiet tal-SRB li jirrifjuta l-aċċess għad-dokumenti.
- Is-Segretarjat tal-Bord tal-Appelli kompla jappoġġja l-ħidma tal-Bord tal-Appelli, billi jassumi r-rwol u l-kompiti kunċettwali tiegħu li għadhom kif ġew definiti, kif spjegati fil-kunċett tas-Segretarjat tal-Bord tal-Appelli stabbilit fl-2017.



# 7. RAPPORT SPEĊJALI 23/2017 MILL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

Minbarra r-rapport tal-awditjar tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-SRB għas-sena finanzjarja tal-2016 u r-rapport speċjali dwar obbligazzjonijiet kontinġenti, il-Qorti tal-Awdituri wettqet awditu tal-prestazzjoni b'enfasi fuq l-istruttura u t-tħejjija għall-ġestjoni ta' riżoluzzjoni bankarja, li wassal għall-pubblikazzjoni tar-rapport speċjali Nru 23 tal-Qorti tal-Awdituri [34], li ġie ppubblikat fid-19 ta' Diċembru 2017 u li kien jinkludi ġabra ta' rakkomandazzjonijiet.

L-SRB ipprovda tweġibiet formali għas-sejbiet tar-rapport u dawn diġà ġew inklużi fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri. Il-biċċa l-kbira mir-rakkomandazzjonijiet ġew aċċettati u diġà ġew implimentati jew inkella ġew iddeterminati bħala prijoritajiet għall-programm ta' ħidma tal-2018 u għall-programm pluriennali (MAP) [35]. F'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rapport speċjali tal-Qorti tal-Awdituri [36], li jistiednu lill-SRB sabiex jirrelata fir-rapport annwali tiegħu l-passi konkreti li ħa jew li ser jieħu sabiex jimplimenta r-rakkomandazzjonijiet stabbiliti, it-taqsima li ġejja ser tittratta din ir-rakkomandazzjoni.

## SOMMARJU TAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET TAL-QORTI TAL-AWDITURI [37] U T-TWEĠIBA TAL-SRB

### 1. TLESTIJA TAL-IPPJANAR TAR-RIŻOLUZZJONI

Fir-rigward tal-ippjanar tar-riżoluzzjoni, il-Qorti tal-Awdituri tirrakkomanda li tiġi ddeterminata data ta' tlestija għall-pjanijiet ta' riżoluzzjoni kompletament konformi għal kull bank taħt il-mandat tiegħu, li jinkludu, f'kull pjan ta' riżoluzzjoni, stqarrija speċifika dwar ir-riżolvibbiltà u valutazzjoni tal-fattibbiltà u l-kredibbiltà tal-istrateġija ta' riżoluzzjoni magħżula.

- Filwaqt li l-SRB diġà juża approċċ prijoritizzat fl-ippjanar tar-riżoluzzjoni sabiex jiżgura l-preparazzjoni għal banek aktar riskjużi, l-MAP jipprevedi approċċ gradwali, li jtejjeb b'mod progressiv il-pjanijiet ta' riżoluzzjoni kollha sakemm jitlestew fl-2020. L-identifikazzjoni ta' impedimenti sostantivi ser tibda fl-2018, filwaqt li l-ħidma fuq il-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà bdiet diġà (fl-2018) u l-SRB għandu l-għan li jiffinalizza l-politika rispettiva sa nofs l-2018. Fil-Q1 2019 għandhom jiġu ffinalizzati valutazzjonijiet dettaljati dwar ir-riżolvibbiltà ta' kull bank.

(34) Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, *Rapport speċjali Nru 23, Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni: Bdiet il-ħidma dwar kompitu li joffri sfida relatat mal-Unjoni Bankarja, iżda għad hemm ħafna xi jsir*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2017 (https://www.eca.europa.eu/Lists/ECADocuments/SR17_23/SR_SRB-BU_MT.pdf).

(35) SRB, *SRB multi-annual planning and work programme 2018*, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2017 (https://srb.europa.eu/sites/srbsite/files/srb_multi-annual_planning_and_work_programme_2018_final.pdf).

(36) http://www.consilium.europa.eu/media/33737/st07769-en18.pdf#page=9

(37) Ir-rakkomandazzjoni sħiħa tal-Qorti tal-Awdituri tista' tinkiseb mir-Rapport Speċjali u tibda f'paġna 43.



### 2. FINALIZZAZZJONI TAS-SISTEMA TA' REGOLI GĦALL-IPPJANAR TAR-RIŻOLUZZJONI

Bil-għan li tiġi ffinalizzata s-sistema għall-ippjanar tar-riżoluzzjoni, ir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri jirrakkomanda li jitħejjew politiki ċari u konsistenti dwar l-MREL u impedimenti sostantivi li għandhom jiġu implimentati fil-pjanijiet ta' riżoluzzjoni kollha. Barra minn hekk, il-manwal dwar l-ippjanar tar-riżoluzzjoni għandu jiġi aġġornat mill-inqas darba fis-sena u għandu jipprovdi gwida għax-xenarji kollha ta' riżoluzzjoni.

- Il-politika tal-SRB dwar l-MREL għaċ-ċiklu tal-ippjanar tal-2017 ġiet adottata f'Ottubru 2017. Fl-2018 ser titħejja l-politika dwar it-tneħħija tal-impedimenti sostantivi, li għandha tiġi inkluża fiċ-ċiklu tal-ippjanar tar-riżoluzzjoni tal-2018. F'dan il-kuntest, l-aġġornament tal-manwal dwar l-ippjanar tar-riżoluzzjoni għall-2018 ġie stabbilit bħala indikatur ewlieni tal-prestazzjoni fil-MAP.

### 3. AĊĊELLERAZZJONI TAL-ISFORZI TAR-REKLUTAĠĠ

Ir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri rrakkomanda li l-isforzi tar-reklutaġġ għal livelli adegwati ta' persunal għandhom jiġu aċċellerati sa Ġunju 2018 id f'id ma' livell xieraq ta' persunal fid-dipartiment tal-HR.

- Fl-2017, l-SRB għamel sforzi sinifikanti billi ppubblika żewġ proċeduri tal-għażla ewlenin għall-esperti tar-riżoluzzjoni tal-banek u l-uffiċjali tar-riżoluzzjoni tal-banek, sabiex b'hekk setgħu jingħelbu n-nuqqasijiet, b'mod partikolari dawk li seħħew fl-2016, u l-livelli fil-mira għall-persunal fid-dipartiment tal-HR tal-SRB u fl-SRB b'mod ġenerali setgħu jintlaħqu fl-2018. L-MAP jenfasizza l-enfasi fuq l-attività tar-reklutaġġ għall-funzjoni tal-HR tar-SRB fl-2018.

### 4. IT-TIJIB TAL-KOOPERAZZJONI MAL-NRAS

Il-Qorti tal-Awdituri tirrakkomanda li tittejjeb il-kooperazzjoni mal-NRAs billi tiġi ċċarata d-distribuzzjoni operattiva tal-kompiti u r-responsabbiltajiet mal-NRAs, billi jiġi żgurat persunal xieraq tal-IRTs u billi jitmexxew regolarment eżerċizzji ta' sessjonijiet ta' prattika bl-involviment sħiħ tal-NRAs.

- Riċentement, l-SRB adotta mudell operattiv ta' mira, li jalloka rwoli u kompiti fi ħdan l-SRM, inkluż l-operat tal-IRTs. Ir-reviżjoni tal-CoFra, fejn għandu jiġi rifless dan it-titjib, hija riżultat ewlieni għall-2018, kif iddikjarat fl-MAP. L-SRB qed jippjana li jiddiskuti mal-NRAs dwar l-integrazzjoni ta' aktar persunal tal-NRA fi ħdan l-IRTs, filwaqt li l-SRB jista' biss jiżgura persunal xieraq tal-IRTs f'termini ta' persunal tal-SRB. Diġà ġew ippjanati żewġ eżerċizzji ta' sessjonijiet ta' prattika għall-2018.

### 5. IT-TITJIB TAL-KOOPERAZZJONI MAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

Sabiex jiġi żgurat li l-SRB jirċievi l-informazzjoni neċessarja kollha għall-funzjoni tar-riżoluzzjoni tiegħu, il-Qorti tal-Awdituri tirrakkomanda li l-MtQ mal-Bank Ċentrali jiġi aġġornat sa Marzu 2018.

- Il-MtQ ġie adottat fit-30 ta' Mejju 2018. Il-MtQ u l-anness korrispondenti [38] f'dan id-dokument ġew ippubblikati fis-6 ta' Ġunju 2018.

### 6. INVOLVIMENT MAL-LEĠIŻLATURI FIR-RIGWARD TAL-QAFAS LEĠIŻLATTIV TA' SFIDA

Fid-dawl tar-reviżjonijiet li għaddejjin tal-qafas leġiżlattiv għar-riżoluzzjoni, ir-rapport speċjali tal-Qorti tal-Awdituri jirrakkomanda li l-SRB jinvolvi ruħu fil-proċess leġiżlattiv sabiex jindirizza kwistjonijiet tekniċi ta' rilevanza għall-SRB, bħall-allinjament tal-mandati tas-superviżur u tal-awtorità tar-riżoluzzjoni rigward l-LSIs transkonfinali, il-fluss tal-informazzjoni u l-istabbiliment ta' għodda ta' moratorju fir-riżoluzzjoni.

- Kif deskritt fit-taqsimiet 2.5 u 2.6, fl-2017, l-SRB involva ruħu b'mod intensiv mal-koleġiżlaturi għal-leġiżlazzjoni fil-livell 1, kif ukoll għall-politiki fil-livell 2, u ddefenda b'mod attiv l-isforzi sabiex jissaħħaħ il-qafas tar-riżoluzzjoni fil-fora rilevanti. Huwa ser ikompli jagħmel dan fl-2018.

(38) https://srb.europa.eu/sites/srbsite/files/mou_with_the_single_resolution_board_on_cooperation_and_information_exchange_2018_.pdf

# 8. DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

Jiena, hawn taħt iffirmata, Elke König, President tal-Bord u Maniġer tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, fil-kapaċità tiegħi bħala uffiċjal awtorizzanti:

Niddikjara li l-informazzjoni inkluża f'dan ir-rapport tagħti stampa vera u ġusta ([39]).

Niddikjara li għandi assigurazzjoni raġonevoli li r-riżorsi assenjati għall-attivitajiet deskritti f'dan ir-rapport intużaw għall-iskop intiż tagħhom u b'konformità mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba, u li l-proċeduri ta' kontroll fis-seħħ jagħtu l-garanziji meħtieġa f'dak li jirrigwarda l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti.

Nikkonferma li ma naf b'xejn li mhuwiex irrapportat hawnhekk li jista' jkun ta' dannu għall-interessi tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni.

Din l-assigurazzjoni raġonevoli hija bbażata fuq il-ġudizzju tiegħi stess u fuq l-informazzjoni għad-dispożizzjoni tiegħi, bħar-riżultati tal-awtovalutazzjoni u l-verifiki tal-kontroll *ex post* imwettqa matul is-sena.

Brussell, il-21 ta' Ġunju 2018

**Elke König**

Il-President tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni

([39]) F'dan il-kuntest, stampa ġusta tfisser stampa affidabbli, kompleta u korretta dwar is-sitwazzjoni fis-servizz.



# ANNESSI

## Anness 1: Organigramma




* Mill-1/5/2018, Boštjan Jazbec issostitwixxa lil Joanne Kellermann

** Jaġixxi parzjalment bħala s-Segretarjat tal-Bord tal-Appelli (indipendenti)

# Anness 2: Rapport annwali dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti fl-2017

Dan ir-rapport annwali dwar l-aċċess għad-dokumenti huwa mfassal f'konformità mal-Artikolu 17(1) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ir-regolament dwar it-trasparenza) ([40]). Huwa jkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2017 sal-31 ta' Diċembru 2017 u huwa bbażat fuq id-data statistika miġbura fil-qosor hawn taħt.

L-SRB huwa soġġett għar-regolament dwar it-trasparenza meta jindirizza l-applikazzjonijiet għal aċċess pubbliku għad-dokumenti miżmuma minnu, skont l-Artikolu 90(1) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014. L-arranġamenti prattiċi għall-applikazzjoni tar-regolament dwar it-trasparenza mill-SRB huma stipulati fid-deċiżjoni tal-SRB tad-9 ta' Frar 2017 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB/ES/2017/01) ([41]), li ġiet adottata f'konformità mal-Artikolu 90(2) tar-Regolament (UE) 806/2014 ([42]).

L-applikazzjonijiet inizjali riċevuti mill-SRB jiġu indirizzati mill-Kap tas-Segretarjat Korporattiv. L-SRB jagħti aċċess sħiħ għad-dokument(i) mitlub(a), aċċess parzjali, jew inkella jirrifjuta l-aċċess. L-aħħar tnejn huma bbażati fuq l-eċċezzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-regolament dwar it-trasparenza. Fil-każ ta' rifjut totali jew parzjali ta' aċċess pubbliku għal dokument fl-istadju inizjali, l-applikant jista' jissottometti applikazzjoni konfermatorja fejn jitlob lill-SRB sabiex jerġa' jikkunsidra l-pożizzjoni tiegħu. L-applikazzjonijiet konfermatorji jiġu ttrattati mill-Bord fis-Sessjoni Eżekuttiva tiegħu. Fil-każ ta' rifjut totali jew parzjali ta' applikazzjoni konfermatorja, l-applikant jista' jressaq appell quddiem il-Bord tal-Appelli tal-SRB. Sussegwentement, jista' jiġi ppreżentat ilment lill-Ombudsman Ewropew jew jistgħu jitressqu proċedimenti quddiem il-Qorti Ġenerali.

## L-AĊĊESS GĦAD-DOKUMENTI TAL-SRB FL-2017

Fl-2017, l-SRB irċieva 169 talba inizjali u 27 applikazzjoni konfermatorja li jikkonċernaw madwar 48 dokument. Għandu jiġi nnotat li ħafna minn dawn it-talbiet kienu identiċi, u/jew l-istess ditta legali talbet aċċess għad-dokumenti f'isem diversi klijenti.

Il-maġġoranza kbira ta' dawn it-talbiet kienu relatati mad-deċiżjoni tal-SRB dwar ir-riżoluzzjoni ta' Banco Popular Español, S.A. L-SRB irċieva wkoll xi talbiet li jirrigwardaw id-deċiżjoni tal-SRB li ma jiħux azzjoni ta' riżoluzzjoni fir-rigward ta' Veneto Banca S.p.A. u Banca Popolare di Vicenza S.p.A.

F'dawn il-każijiet kollha, l-SRB ta aċċess parzjali għad-dokumenti, minħabba li d-divulgazzjoni ta' ċerta informazzjoni kienet iddgħajjef l-interessi protetti skont l-Artikolu 4 tar-regolament dwar it-trasparenza.

([40]) ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43.

([41]) https://srb.europa.eu/sites/srbsite/files/srb-es-2017-01_decision_public_access_to_the_srb_documents.pdf

([42]) Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, ĠU L 225, 3.07.2014, pp.1-90.



L-aċċess parzjali u r-rifjuti kienu fil-biċċa l-kbira tagħhom ta' każijiet ibbażati fuq l-eċċezzjonijiet li ġejjin għad-divulgazzjoni tad-dokumenti previsti fir-regolament dwar it-trasparenza:

- protezzjoni tal-interess pubbliku fir-rigward tal-politika finanzjarja, monetarja jew ekonomika tal-UE jew ta' Stat Membru (l-Artikolu 4(1)(a) (ir-raba' inċiż) tar-regolament dwar it-trasparenza);
- protezzjoni tal-interessi kummerċjali ta' persuna fiżika jew ġuridika, inkluża l-proprjetà intellettwali (l-Artikolu 4(2) (l-ewwel inċiż) tar-regolament dwar it-trasparenza);
- protezzjoni tal-privatezza u tal-integrità tal-individwu (l-Artikolu 4(1)(b) tar-regolament dwar it-trasparenza);
- protezzjoni tal-iskop tal-ispezzjonijiet, tal-investigazzjonijiet u tal-awditi (l-Artikolu 4(2) (it-tielet inċiż) tar-regolament dwar it-trasparenza); u
- protezzjoni tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet (l-Artikolu 4(3) tar-regolament dwar it-trasparenza).

Għandu jiġi nnotat ukoll li xi dokumenti mitluba ma kinux jeżistu jew ma kinux miżmuma mill-SRB.

Fl-2018, l-SRB stabbilixxa reġistru pubbliku elettroniku ta' dokumenti, aċċessibbli fuq is-sit web tiegħu ([43]). Id-dokumenti disponibbli huma aċċessibbli kemm jista' jkun, filwaqt li jitqiesu l-eċċezzjonijiet tal-Artikolu 4 tar-regolament dwar it-trasparenza.



([43]) https://srb.europa.eu/en/public-register-of-documents

# Anness 3: Implimentazzjoni tal-Baġit għall-2017

## TITOLU I: NEFQA GĦALL-PERSUNAL

| Linja baġitarja | Deskrizzjoni tal-linja baġitarja | Tranżazzjoni ta' approprjazzjoni ta' impenn Ammont (1) | Ammont ta' impenn eżegwit (2) | Impenjati % (2)/(1) | Ammont tat-tranżazzjoni tal-approprjazzjoni tal-pagament (3) | Ammont tal-pagament eżegwit (4) | % Imħallsin (4)/(3) | RAL riportati (C8)(2)-(4) | Ikkanċellat (1)-(2) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| A01100 | Salarji bażiċi | 21 256 867.20 | 15 678 838.56 | 73.76 % | 21 256 867.20 | 15 678 838.56 | 73.76 % | 0.00 | 5 578 028.64 |
| A01101 | Konċessjonijiet tal-familja | 2 399 000.00 | 1 257 179.52 | 52.40 % | 2 399 000.00 | 1 257 179.52 | 52.40 % | 0.00 | 1 141 820.48 |
| A01102 | Konċessjonijiet ta' espatrijazzjoni u ta' residenza barranija | 3 065 000.00 | 1 881 006.76 | 61.37 % | 3 065 000.00 | 1 881 006.76 | 61.37 % | 0.00 | 1 183 993.24 |
| **A-110** | **Somma:** | **26 720 867.20** | **18 817 024.84** | **70.42 %** | **26 720 867.20** | **18 817 024.84** | **70.42 %** | | |
| A01111 | Esperti nazzjonali ssekondati | 1 260 000.00 | 815 355.98 | 64.71 % | 1 260 000.00 | 815 355.98 | 64.71 % | 0.00 | 444 644.02 |
| A01112 | Apprendisti | 139 132.80 | 76 623.10 | 55.07 % | 139 132.80 | 76 623.10 | 55.07 % | 0.00 | 62 509.70 |
| **A-111** | **Somma:** | **1 399 132.80** | **891 979.08** | **63.75 %** | **1 399 132.80** | **891 979.08** | **63.75 %** | | |
| A01130 | Assigurazzjoni kontra l-mard | 730 000.00 | 529 514.01 | 72.54 % | 730 000.00 | 529 514.01 | 72.54 % | 0.00 | 200 485.99 |
| A01131 | Assigurazzjoni kontra l-aċċidenti u l-mard okkupazzjonali | 107 000.00 | 59 579.17 | 55.68 % | 107 000.00 | 59 579.17 | 55.68 % | 0.00 | 47 420.83 |
| A01132 | Assigurazzjoni kontra l-qgħad | 317 000.00 | 176 473.39 | 55.67 % | 317 000.00 | 176 473.39 | 55.67 % | 0.00 | 140 526.61 |
